Marzu 2013 • Vol 20 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħlna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Ħatra ta' Kuntistabbli - *Pass-Out Parade*
- Skambju ta' DNA *profiles u fingerprints*
- Elezzjoni Ġenerali – 2013 - Il-Ħidma tal-Pulizija
- *Card Fraud*

u aktar...

*Newspaper Post*




SUITABLE FOR
MEN AND WOMEN
OF ALL AGES.

# Eliminate Odours






The Scholl Odour Control foot and shoe spray is a specialist range of products for feet, shoes and trainers. It provides advanced protection from odour and perspiration, with a guaranteed 24-hour performance. The Scholl Odour Control range is the only specialist foot care treatment with Neutra Active™, a unique patented neutralising system which is scientifically proven to be more effective in the treatment of foot and shoe odour, than traditional products which simply mask the odour.

Scholl
World's No. 1 Footcare Specialist

AVAILABLE FROM ALL LEADING PHARMACIES, SCHOLL FOOTHEALTH CENTRES AND LEADING SUPERMARKETS.

scholl.com.mt

great feet feeling™

Marzu 2013 • Vol 20 • Nru. 1

IL-PULIZIJA

Xogħlna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




Qoxra: Sezzjoni Kavallerija
Ritratt: Sezzjoni tal-Fotografija


5 Editorjal




7 Ħatra ta' Kuntistabbli - *Pass-Out Parade* nhar l-4 ta' Jannar 2013

11 112 Day

12 Skambju ta' DNA *profiles u fingerprints*

14 Akkademja tal-Pulizija – Taħriġ u Tagħlim

16 *Vetinary Life Support Course*




18 Elezzjoni Ġenerali – 2013 - Il-Ħidma tal-Pulizija

24 L-Għassa tal-Belt Valletta

25 *Card Fraud* - Nipproteġu l-cards tagħna mill-frodisti (It-Tielet Parti)

27 Il-Battle Dress

28 Għoti ta' *Shield*, Ċertifikati, Trofej u Ħatra ta' Surġenti – Ċerimonja 6 ta' Jannar 2013




32 Attivitajiet ta' żmien il-Milied 2012

35 Ftuħ ta' żewġ swali fi ħdan it-Taqsima tal-Forensika

38 Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

41 Mill-Kavallerija tal-Pulizija

43 Manutenzjoni fl-Għassa tal-Imsida

45 Mill-Isfont sa mat-Tieni Ċentinarju




48 Is-Serqa mill-Knisja tal-Kunvent ta' Santa Tereża f'Bormla

51 Turnament tal-Futball għall-Istrina 2012

54 Xewqa li jiltaqa' mal-Kummissarju tal-Pulizija

57 International Police Association

60 Malta Association of Retired Police Officers

62 Mejtin


MAIN LIBRARY UNIVERSITY OF MALTA

IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supretendent Mario Spiteri
**Editur:** Assistent Kummissarju Antoine Casha
**Membri:** WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster
Supt Antonello Grech

**Il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters, Floriana, VLT 2000 jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN





# ħallas lil min trid, kullimkien bil-BOV Mobile

Available on the App Store
ANDROID APP ON Google play
FREE DOWNLOAD

Ħallas bil-BOV Mobile - servizz li jippermettilek tħallas lil min trid b'mod faċli bil-mowbajl, tkun fejn tkun. M'għandek bżonn xejn ħlief in-numru tal-mowbajl tal-persuna l-oħra. Daqshekk sempliċi! Niżżel l-app b'xejn u rreġistra llum.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV MOBILE**

**2131 2020 | bov.com**

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta
Android hija trademark reġistrata ta' Google Inc.

BOV
Bank of Valletta

# Editorjal

Din il-ħarġa tal-magażin tagħna taħbat ma' dak iż-żmien fil-ħajja ta' kull pajjiż demokratiku li fih iċ-ċittadini tiegħu jiġu msejħa jagħmlu l-għażla tagħhom permezz tal-vot min se jmexxihom fis-snin li ġejjin.

Il-membri tal-Korp tal-Pulizija, bħal kull ċittadin ieħor, għandhom id-dritt għall-opinjoni tagħhom u wkoll għandhom id-dritt li jipparteċipa fil-proċess demokratiku ta' pajjiżna li jesprimu din l-għażla tagħhom permezz tal-vot.

Iżda aħna, bħala membri tal-Korp għandna obbligi li ċittadini oħra m'humhiex marbuta bihom. F'Malta, forsi aktar minn pajjiżi oħra minħabba ċ-ċokon tagħna, huwa żmien delikat u sensitiv iżjed minn waqtiet oħra fil-qadi ta' dmirijitna fejn l-imġieba tagħna taqa' taħt lenti u skrutinju aktar minn żminijiet oħra.

Filwaqt li kull membru tal-Korp għandu d-dritt ta' l-opinjoni politika tiegħu bħal ħaddieħor, din l-opinjoni m'għandiex tiġi manifestata b'mod li tista' tkun ta' xkiel fil-qadi ta' dmirijitna. Diskors jew imġieba partiġġjana, anke jekk mhux fuq il-post tax-xogħol u fil-ħin liberu tagħna, tista' tnissel fil-membri tal-pubbliku li jkollhom bżonn is-servizzi tagħna, nuqqas ta' fiduċja jew suspett li l-individwu quddiemna se jiġi trattat b'mod differenti minħabba l-opinjoni politika tiegħu.

Għalhekk, dan huwa mument sinjifikanti għalina fejn kull membru tal-Korp huwa msejjaħ sabiex juru fiċ-ċar u b'mod konkrett is-serjeta`, il-professjonalita` u l-lealta` tiegħu lejn il-ġurament tal-ħatra li lkoll ħadna li naqdu "....dmirijiet kollha ta' Uffiċjal tal-Pulizija skond il-liġi, mingħajr biża' jew favuri, ġibda jew mibegħda." Jien nemmen li dan kapaċi nagħmluh bl-unuri.






# Flexicredit

## A flexible loan that suits your needs.

**Available up to 7 years***

***On loan amounts of €10,000 or more**

A Flexicredit Loan is a great way of putting your plans into action and you can soon get things moving with a quick decision on your application.

So whatever you're looking to do, whether buying a new or second hand car, making some home improvements, planning that dream wedding or going on the holiday of a lifetime, we can help you.

**Special rates for HSBC Premier and HSBC Advance customers.**

Call **2380 2380**
Click **hsbc.com.mt**
Visit **your local branch**

HSBC

Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Archbishop Street, Valletta, VLT1444

# Ħatra ta' Kuntistabbli - *Pass-Out Parade* nhar l-4 ta' Jannar 2013

minn WPC 280 Louise Camilleri - CMRU

Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Jannar, 2013 il-Korp tal-Pulizjia ssaħħaħ b'95 kuntistabbli ġdid, 92 raġel u tliet nisa. Il-*Passing Out Parade* saret għall-ewwel darba fl-Akkademja tal-Pulizija temporanja li hemm f'Santa Venera.

Preżenti waqt din il-parata kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, il-Prim Ministru ta' Malta, Dr Lawrence Gonzi kif ukoll uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp.

Waqt li kull membru ġdid fil-Korp ingħata ċ-ċertifikat, kien imiss l-għoti ta' premijiet lil dawk il-Pulizija li ddistingwew ruħhom matul dan il-kors. PPC 1259 J.Spiteri kklassifika ruħu fl-ewwel post fl-eżamijiet. Issegwih kien hemm PWPC 326 J. Mizzi li hija waħda mit-tliet nisa li kien hemm f'dan il-kors, u fit-tielet post ikklassifika ruħu PPC 736 M. Buttigieg. Il-premiju PC Mark Farrugia li jingħata lil min ikun iddistingwa ruħu kemm fl-eżamijiet kif ukoll tul il-kors kollu ngħata lil PPC 538 R.J. Azzopardi.

Kien imiss issa li jsiru d-diskorsi tal-okkażjoni. L-ewwel diskors sar minn PPC 538 bħala rappreżentant tal-Pulizija l-ġodda. Huwa rringrazzja mill-qalb lil kull min attenda għal din l-okkażjoni tant importanti f'ħajjet dawn il-Pulizija. Huwa semma` li għalihom dan il-post huwa għażiż ħafna fejn kull filgħodu huma kienu jibdew bid-*drill* u bl-edukazzjoni fiżika. Huwa ssotna li kull sfida tintrebaħ bl-għaqda u bid-dixxiplina. Huwa kompla billi qal li qatt ma ser jinsew l-esperjenzi u l-avventuri li għaddew minnhom waqt diversi eżerċizzji. Huwa rringrazzja ukoll lill-edukaturi li b'kapaċita`, esperjenza u paċenzja wasslulhom it-tagħrif. Ġew irringrazzjati ukoll l-*istaff* kollu tal-Akkademja li dejjem għenuhom fejn kellhom bżonn.





Il-Kummissarju tal-Pulizija fetaħ id-diskors tiegħu billi feraħ lir-rekluti għas-suċċess li kellhom f'dan il-kors ta' taħriġ li għadhom kif temmew. Il-Kummissarju qal li dan ma kienx kors faċli. Għall-ewwel darba wara diversi snin twal ġewwa Sant' Iermu l-Akkademja kienet ġiet trasferita b'mod temporanju ġewwa l-ex-skola Umberto Colosso



f'Santa Venera. Hawnhekk sar ħafna xogħol sabiex jissebbaħ l-ambjent u jkun akkoljenti speċjalment għar-rekluti li qattgħu ħames xhur jitgħallmu dak li kellhom bżonn sabiex isiru parti mill-Korp. Huwa sostna li bħalissa qed isir xogħol ġewwa Ta' Kandja sabiex wieħed isib dak kollu li hemm bżonn għall-ħtiġijiet tat-tagħlim tal-Pulizija. Għalkemm dan il-kors kien iqsar minn ta' qabel kien aktar intensiv u dan peress li r-rekluti ngħataw numru ta' aktar lezzjonijiet fil-ġurnata minn korsijiet oħra preċedenti. Kien hemm ukoll fejn anke daħlu fil-jum tas-Sibt. B'dan il-mod kien possibli sabiex jieħdu n-numru ta' lezzjonijiet akkademiċi kollha bħal korsijiet l-oħra li saru f'dawn l-aħħar snin. Ġew mgħallma l-affarijiet bażiċi sabiex jaqdu lill-membri tal-pubbliku bl-aktar mod korrett, dixxiplinat u effiċjenti. Iżda dan ma jffissirx għax lestew dan il-kors ta' taħriġ u saru pulizija allura saru jafu kollox. Dan għadu biss il-bidu għaliex f'dan ix-xogħol, taf kemm taf, qatt m'hu biżżejjed. Kif jgħid il-Malti, iż-żmien isajru l-bajtar. Huwa kompla billi qal li bħal Pulizija l-oħra ta' kull xahar ser jibdew imorru l-Akkademja sabiex ikomplu jitgħallmu dwar it-tibdil fil-liġijiet u l-proċeduri li jsiru minn żmien għal żmien. Xogħolna huwa li nservu u ngħinu lil dawk kollha li qed issofru minn xi tip ta' reat kriminali.





Il-Kummissarju temm id-diskors tiegħu billi rringrazzja lill-Kmandant u l-uffiċjali kollha tal-Akkademja, kif ukoll l-għalliema ta' dan il-kors għad-dedikazzjoni tagħhom u tat-tagħlim li taw lir-rekluti sabiex ikunu ppreparati biex iservu liċ-ċittadini fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Huwa awgura karriera ta' suċċess lill-Pulizija l-ġodda.

Fid-diskors tiegħu l-Onorevoli Prim Ministru beda billi qal li l-ebda stat demokratiku ma jista' jiggarantixxi d-drittijiet taċ-ċittadin tiegħu jekk ma jkollux forza tal-ordni soda, ippreparata, iddixxiplinata u kapaċi kontra dawk li lil din l-ordni jippruvaw itappnuha. Il-liġijiet huma importantissimi, pero' huwa l-Korp tal-Pulizija li jrid jara l-ordni, il-paċi pubblika u l-istabbilita' soċjali tinżamm bl-infurzar tal-liġi.






Huwa stqarr li għalih huwa ta' sodisfazzjon kbir li qiegħed preżenti waqt din iċ-ċerimonja fejn dawn ir-rekluti ser jibdew il-karriera tagħhom fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Dr Gonzi sostna li għalkemm huma ħadu t-taħriġ kollu li hemm bżonn, l-ewwel xhur ser ikunu determinanti sabiex

jibdew iwettqu dak kollu li tgħallmu fl-akkademja. Iżda dan ma jfissirx li t-tagħlim jieqaf hemm. It-tagħlim huwa wieħed kontinwu sabiex il-Pulizija tkun pass quddiem id-delinkwent u mhux pass warajh. Għaldaqstant huwa kruċjali li jistinkaw biex ikomplu jkabbru l-għarfien tagħhom.

Il-Prim Ministru kompla jgħid illi l-Gvern ma qagħadx lura biex isaħħaħ idejn il-Pulizija fil-ġlieda tagħha sabiex tipproteġi liċ-ċittadin u tiġġieled il-kriminalita`, u dan bid-diversi emendi li saru fil-Kodiċi Kriminali. Huwa sostna li l-karriera ta' Pulizija fiha ħafna sodisfazzjonijiet. Il-Pulizija huma t-tarka taċ-ċittadin, "sabiex niżguraw li l-komunita` li ngħixu fiha tkun waħda sigura." Il-ħidma ta' Pulizija hija dedikazzjoni ukoll għaliex titlob impenn qawwi.

Dr Lawrence Gonzi kompla billi sostna li min-naħa tal-Gvern ser jibqgħu determinati li jkomplu jsaħħu idejn il-Korp fil-ġlied kontinwu kontra l-kriminalita` b'investiment qawwi kemm f'apparat bħalma huma l-laboratorju tad-DNA, il-vetturi moderni li llum naraw fit-toroq, l-apparat tal-*fingerprints*, l-infrastruttura tal-Akkademja tal-Pulizija f'Ta' Kandja li x-xogħol fuqha issa mexa ġmielu, kif ukoll f'tisħiħ tar-riżorsi umani.

Il-Prim Ministru temm id-diskors tiegħu billi feraħ lill-pulizija l-ġodda għall-ġurament li ħadu u awguralhom



karriera twila u ta' suċċess fil-Korp tal-Pulizjia.

Kien xieraq li nieħdu l-opinjoni ta' xi Pulizija ġodda li flimkien ma' sħabhom kienu l-protagonisti ta' din iċ-ċerimonja. Fost il-kummenti li kien hemm ħafna qalu li din kienet esperjenza posittiva ferm għalihom, u li l-istudju tagħhom għad fadallu tul il-karriera kollha li ħa jkollhom fil-Korp għaliex taf kemm taf qatt m'hu biżżejjed. Huma sostnew ukoll li lesti li jaqdu dmirijiethom u li jiġġieldu l-kriminalita` hekk kif inhu mistenni minnhom.

louise.b.camilleri@gov.mt





Comfortable Waterproof Shock-Absorbing



Art. 068783 Size 36 - 41
Art. 068784 Size 40 - 47



Art. 068773 Size 36 - 42
Art. 068774 Size 40 - 47



Art. 068753 Size 36 - 42
Art. 068754 Size 40 - 47



Technical Walking Socks
Size 36 - 47

vibram® HYDROMAX™ GORE-TEX®

ECCO Professional series has been developed to deliver high quality occupational and industrial comfort footwear without steel toe according to DIN EN ISO 20347. All styles in the ECCO Pro Series are equipped with **100% GORE-TEX®** membrane which is the most durable waterproof, **windproof** and breathable material on the market. ECCO uses **Hydromax™** leather which is approved by GORE-TEX® standards as having many advantages. It has the ability to expand when it gets wet, which means that the leather remains water-repellent for **up to 10 hours**!

The application of shoe care products is highly recommended after exposure to wet conditions, in order to retain the unique water-repellent features of the leather. The technical socks offer **extra comfort** and support.

follow us on twitter
@kingshoeshop

Find us on: facebook.
www.facebook.com/eccokingshoeshop

Tower Shoes,
4, Tower Road, Sliema
**2133 3777**

St. Julian's Road,
San Gwann
**2137 8433**

King Shoe Shop,
Tigrija Palazz (Level 2) - Gozo
**2156 9423**

Ordnance Str,
Valletta
**2122 4804**

Level 0, Baystreet,
St. Julian's
**2372 0010**

ecco®
ecco-shoes.com.mt

# 112 Day

mill-Ispettur Sandra Zammit - Control Room

Fil-11 ta' Frar, 2013 madwar l-Ewropa ġiet dedikata ġurnata għall-112 sabiex il-pubbliku jiġi mgħarraf bl-importanza ta' dan is-servizz u għaldaqstant juzah biss f'każijiet ta' emerġenza. Il-112 hu numru ta' emerġenza fl-Ewropa li hu bla ħlas u aċċessibbli kemm min-numru fiss kif ukoll minn linja ċellulari.



Din is-sena, il-Korp tal-Pulizija organizza konferenza stampa fejn il-Kummissarju tal-Pulizija, flimkien mal-Onorevoli Dr Beppe Fenech Adami LL.D, Assistent Parlamentari fil-Ministeru tal-Intern, indirizzaw lill-ġurnalisti sabiex flimkien wasslu l-messaġġ lill-pubbliku sabiex l-abbuż minn dan is-servizz ikompli jonqos. Dan ġie kkonfermat minn statistika annwali tas-sena li għaddiet li ġiet imqassma lill-ġurnalisti, u li apparti milli tindika kemm jidħlu telefonati fuq il-112, turi wkoll kemm jidħlu telefonati abbużivi. Il-Kummissarju tal-Pulizija saħaq li telefonata fuq il-linja tal-emerġenza tista' tkun kwistjoni ta' ħajja u mewt u għaldaqstant il-Korp tal-Pulizija jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex inaqqas dan l-abbuż u jtejjeb is-servizz. Is-Sur John Rizzo spjega li din il-ħidma kontinwa min-naħa tal-Korp tal-Pulizija sfat f'ġid peress li l-istatistika tikkonferma li dawn it-telefonati abbużivi fuq il-linja tal-emerġenza naqsu sew meta wieħed jikkomparahom mas-snin li għaddew. Dan sar grazzi għall-promozzjoni li l-Korp tal-Pulizija jiddedika lil 112 matul is-sena, fejn diversi membri tal-Korp jattendu laqgħat barra minn Malta, ġewwa l-Kunsilli Lokali u jkunu mistiedna għall-programmi kemm fuq ir-radju kif ukoll fuq it-televiżjoni. Għal din l-okkazzjoni ġie mqassam materjal informattiv lill-ġurnalisti u lill-pubbliku, sabiex wieħed jifhem l-importanza ta' din il-linja tal-emerġenza u jagħraf sew meta għandu jagħmel użu minnha f'każijiet ta' emerġenza biss.



Is-Sur John Rizzo zied jgħid li s-servizz tal-112 ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija qed jiġi modernizzat sabiex ikun aktar effiċjenti. Għaldaqstant għaddejja ħidma sabiex jiġi nstallat software ħalli kull persuna li ċċempel fuq il-linja tal-emerġenza tiġi iddentifikata l-identita' tagħha kif ukoll il-lokazzjoni minn fejn tkun qed iċċempel. Dan is-servizz mhux biss ser iservi sabiex ikompli jonqos l-abbuż, iżda jgħin ukoll lill-membri tal-Korp tal-Pulizija sabiex jintervjenu fl-inqas ħin possibbli fejn hemm bżonn. Dan ikkonfermah l-Onorevoli Dr Beppe Fenech Adami, fejn sostna li tul dawn l-aħħar snin, sar avvanz kbir sabiex il-Korp tal-Pulizija jkompli jtejjeb is-servizz tal-112. Filfatt matul is-sena 2012 ġew imwieġba 40,634 telefonata f'medda ta' ħames sekondi, mentri 56,271 telefonata ġew trasferiti għall-dipartimenti oħrajn tal Gvern ta' emerġenza, bħal l-Isptar Mater Dei, il-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati.



Il-Kummissarju tal-Pulizija temm din il-konferenza stampa billi appella lill-pubbliku sabiex taħdem id f'id mal-Pulizija ħalli l-abbużi jkomplu jonqsu. Dan għandu jsir billi l-pubbliku jagħmel użu mill-112 b'mod għaqli mentri l-Korp tal-Pulizija ser ikompli bil-promozzjoni kontinwa fil-media sabiex iwassal il-messaġġ tiegħu.

sandra.a.zammit@gov.mt

# Skambju ta' DNA *profiles* u *fingerprints*

mis-Supretendent Dominic Micallef – Uffiċċju Legali



Wieħed mill-prinċipji tal-Unjoni Ewropeja huwa l-moviment ħieles tal-persuni. Dan il-ħelsien ta' moviment bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja kif ukoll bejn dawk il-pajjiżi li jagħmlu parti miż-żona Schengen, waqqa' kompletament il-fruntieri bejn dawn il-pajjiżi. Għaldaqstant persuna li tiċċaqlaq fl-Unjoni Ewropeja ma jinżamm l-ebda rekord tagħha jekk dik il-persuna tkunx daħlet jew ħarġet mill-pajjiż.

Dan il-moviment ħieles tal-persuni ġab miegħu wkoll ċertu ħelsien fejn persuna li twettaq reat kriminali f'pajjiż, tista' faċilment tiċċaqlaq ġo stat ieħor membru tal-Unjoni. L-Unjoni Ewropeja ħadet diversi miżuri ta' nfurzar tal-liġijiet kriminali sabiex persuni kriminali kemm jista' jkun ma jibbenefikawx minn dan il-prinċipju ta' moviment ħieles għal għanijiet kriminali. Waħda minn dawn il-miżuri hija li l-*fingerprints* jew id-DNA *profiles* li pajjiż membru jkollu maħżuna fid-*databases* tiegħu, ikun jista' jqabbilhom ma' *fingerprints* jew id-DNA *profiles* maħżuna fid-*databases* ta' pajjiżi membri oħrajn.

X'inhu eżattament dan il-mekkaniżmu ta' tqabbil ta' *fingerprints* u DNA *profiles*? Meta *fingerprint* jew DNA *profile* jiġi elevat minn xena ta' delitt dan jitqabbel ma' *fingerprints* jew DNA *profile* li jkunu maħżuna fid-*database* tal-Pulizija. Jekk ma jirriżulta l-ebda qbil, il-Pulizija ta' wieħed mill-Istati Membri jista' permezz ta' *network* speċjali jqabbel dak il-*fingerprint* jew DNA mad-*databases* tal-Pulizija ta' Stati Membri oħra. Dan isir b'sistema awtomatika, fejn din is-sistema meta tqabbel il-*fingerprint* jew id-DNA ma' impronta diġitali jew *profile* ieħor li jkun jinsab f'xi *database* tal-Pulizija ta' xi Stat Membru ieħor turi dak li jissejjaħ *hit*.



Permezz ta' dan il-mekkaniżmu, meta jiġi elevat xi *fingerprint* jew kampjun ta' DNA minn fuq xi xena tad-delitt, il-qbil ma jsirx biss mad-data domestika imma mad-data miżmuma mill-Pulizija tal-Unjoni Ewropeja. Ċertu pajjiżi diġa` bdew jagħmlu dan il-proċess u kien hemm diversi qbil f'dan il-proċess bejn il-pajjiżi membri. Meta jirriżulta li hemm *hit*, is-sistema awtomatikament tinforma lil dawk il-pajjiżi fejn hemm qbil ta' *fingerprint* jew DNA. Wara li jirriżulta li hemm *hit*, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi jiskambjaw bejniethom dik l-informazzjoni li għandha x'taqsam ma' dak il-*fingerprint* jew DNA.

Minħabba din is-sistema, id-*databases* kollha tal-Pulizija fl-Unjoni Ewropeja huma magħqudin flimkien, fejn ikunu jistgħu jaqsmu u jqabblu l-impronti diġitali u d-DNA *profiles* bejniethom. Kull pajjiż membru huwa obbligat li jkollu *database* li jżomm *fingerprints* u DNA *profiles*. Filfatt aħna l-Pulizija investejna f'apparat ġdid fejn nistgħu nżommu DNA *profiles* u jsir il-qbil meħtieġ sabiex ikun iddentifikat il-*profile* ta' DNA. Investejna wkoll f'apparat ġdid tal-*fingerprints* li huwa magħruf bħala *Automated Fingerprint Identification System* (AFIS). Dan l-investiment parti minnu ġie ffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropeja.

Dan l-iskambju ta' informazzjoni huwa regolat minn diversi regolamenti sabiex jitħarsu d-data personali tal-persuni. Informazzjoni bħal din tista' biss tintuża għall-skopijiet ta' investigazzjoni biss u mhux għal skopijiet oħra. Sabiex tintuża għal skopijiet barra mill-investigazzjoni, l-Istat Membru li talab għall-informazzjoni, għandu bżonn jagħmel talba lill-Istat Membru li jkun ta' dik l-informazzjoni.

Kif issemmiet qabel, il-Pulizija Maltija għamlet investimenti kbar sabiex tkun tista' żżomm mal-obbligu tagħha skont il-liġi tal-Unjoni Ewropeja. L-ewwel xogħol li sar kienet applikazzjoni sabiex jinstabu l-fondi neċessarji mill-Unjoni Ewropeja ħalli parti minn dan il-proġett jiġi ffinanzjat minn dawn il-fondi kif filfatt sar. Inħarġu t-*tenders* neċessarji sabiex jinxtara l-apparat tad-DNA, kif ukoll sabiex jinxtara AFIS ġdid li jkun kompatibbli ma' din is-sistema.

Fid-dipartiment tal-Forensika sar xogħol strutturali kbir fejn id-dehra ta' dan id-dipartiment inbiddlet kompletament, b'għamara ġdida u bini aktar attrajenti. Diversi Pulizija mid-dipartiment tal-forensika ħadu taħriġ speċjalizzat kemm Malta kif ukoll barra minn Malta sabiex ikollhom taħriġ fuq l-apparat il-ġdid u fuq it-tħaddim tas-sistema.

Saru diversi xogħlijiet fid-dipartiment tal-IT fejn tpoġġew is-*servers* neċessarji kif ukoll sar xogħol struttarali f'dan id-dipartiment ukoll. L-aħħar qabza li kien fadlilna biex inkunu nistgħu niskambjaw din l-informazzjoni hija, li niġu evalwati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja jekk aħniex preparati tajjeb biżżejjed biex nużaw din is-sistema. Din l-evalwazzjoni filfatt saret bejn il-21 u l-24 ta' Jannar 2013. Ħames esperti, tnejn mill-Awstrija u tlieta minn Franza żaruna sabiex ikunu jistgħu jevalwaw jekk ix-xogħol li għamilna huwiex tajjeb biżżejjed sabiex nidħlu f'din is-sistema. Sakemm jiġi ppublikat dan l-artikolu, ma jkunx għad għandna r-rapport li għamlu dawn l-esperti imma fiduċjuz li m'għadniex infallu.

Permezz ta' dan l-artiklu fil-qasir, ippruvajt nagħti stampa x'jinvolvi dan il-proġett u x-xogħol u sehem tal-Pulizija fl-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. Żgur li dan ix-xogħol ser ikun siewi għall-ġlieda kontra l-kriminalita`.

dominic.micallef@gov.mt

## Korrezzjoni

B'referenza għall-artiklu bit-titlu 'L-Iskwadra Mobbli fi ħdan il-Korp tal-Pulizija' li deher fil-ħarġa ta' Diċembru 2012, paġna 28, l-awtur jixtieq jiċċara l-fatt illi proprju l-ewwel Spettur inkarigat minn din is-sezzjoni kien attwalment l-Ispettur anzjan Pawlu Grech li kien taħt il-kmand dirett tal-Kummissarju Sur Enoch Tonna. Wara ftit taż-żmien din is-sezzjoni għaddiet f'idejn l-Ispettur Peter Cordina. Il-formazzjoni tal-Iskwadra Mobbli kienet seħħet permezz ta' ċirkolarijiet GHQ 132/1975 u GHQ 139/1975.


SOROTTO
ESTABLISHED 1877

A WEALTH OF SERVICES FOR THE SHIPPING WORLD

SHIP & YACHT REGISTRATION UNDER MALTESE FLAG | SHIP AGENTS | BROKERS | CHARTERERS | TOUR OPERATORS
OFFSHORE BUNKER SUPPLY & SERVICES OUTSIDE HARBOUR | TRANSHIPMENT OPERATORS | CRUISE LINER AGENTS



J.B. Sorotto Limited Malta
INTERNATIONAL MERCHANTILE & SHIPPING SERVICES

Republic Street, Valletta VLT 1117
tel. +356 2123 2649 / 2229 6600 fax. +356 2125 0326 A.O.H Tel. +356 9949 7326 / 9949 7577 e-mail. info@jbsorotto.com.mt www.jbsorotto.com.mt

# Akkademja tal-Pulizija – Taħriġ u Tagħlim

mill-Kmandat tal-Akkademja s-Sur Ronald Kelly

Mill-esperjenza tiegħi fil-Korp tal-Pulizija, mill-1964 l-Edukazzjoni u t-Taħriġ minn dejjem kienu ta' prijorita għat-tmexxija tal-Korp. Niftakar li fl-ewwel żmien tiegħi fil-Korp, il-lezzjonijiet kienu jsiru fil-kmamar li hemm fil-bitħa taħt il-*Control Room* liema bitħa dak iż-żmien ma kinitx eleganti daqs kemm hija llum. Qiegħed insemmi dan għaliex jiena nemmen li l-ambjent ta' fejn wieħed jaħdem huwa mportanti ħafna. Irrid ngħid li dan il-miljorament ma hux ristrett għall-Kwartieri Ġenerali biss, iżda huwa mifrux wkoll għall-Għases Distrettwali kif wkoll bini ieħor tal-Korp. Wieħed hawn jawgura li kulħadd jagħti sehemu biex iżomm l-ambjent fejn jaħdem nadif u fi stat tajjeb. Imma biex inkomplu fuq is-suġġett li konna qed nitkellmu fuqu dan it-taħriġ baqa` jingħata fil-Kwartieri Ġenerali għal ħafna snin wara.

Fit-12 ta' Lulju 1988 il-Korp għamel pass ta' ġgant. Dak inhar ġiet inawgurata l-ewwel Akkademja tal-Pulizija. Il-post li kien intgħażel biex jospita l-Akkademja kien il-Fortizza grandjuża ta' Sant' Iermu. Din il-fortizza kienet kolonna għad-difiża u l-protezzjoni ta' Malta u l-Maltin sa minn żmien il-Kavallieri, li ġew segwiti mid-diversi reġimenti kemm barranin u Maltin.

Minn dak inhar, il-Korp tal-Pulizija kellu l-skola tiegħu fejn seta' jħarreġ il-membri tiegħu.

Membri tal-Korp, fl-eluf tagħhom kienu u għadhom jattendu fl-Akkademja għat-taħriġ li jgħinhom ikunu Pulizija aħjar.

Mijiet ta' żgħażagħ, irġiel u nisa ġew imħarrġa hemmhekk u eventwalment saru membri tal-Korp u llum qed jaqdu dmirijiethom fid-diversi Distretti u Branki tal-Korp. Oħrajn, grazzi għat-taħriġ li jsir fl-Akkademja, ġew promossi għar-rank ta' Surġent .

Membri tal-Korp, kif ukoll żgħażagħ minn barra l-Korp attendew għal taħriġ fl-Akkademja minn fejn iggradwaw għar-rank ta' Spettur. Dawn ukoll, illum qed iservu 'l-Korp b'diversi responsabbiltajiet. Illum l-Akkademja saret qisha linja tal-produzzjoni, fejn kontinwament issawwar żgħażagħ preparati biex iservu u jipproteġu ċ-ċittadin.

Matul dawn is-snin kollha l-Akkademja għaddiet minn ħila għall-aktar ħiliet. L-ammont u l-kwalita` ta' taħriġ kif wkoll l-attendenza baqa' jitjieb minn-sena għal-sena u dan jawgura tajjeb għal riżultati aħjar fil-futur.

Imma dan l-aħħar beda jinħass li l-parti tal-fortizza allokata għall-Akkademja ma kinitx aktar adekwata sabiex tilqa` n-numru li kien qiegħed dejjem jikber tal-membri tal-Korp li jattendu għat-taħriġ.

Filfatt il-fortizza kienet saret żgħira wisq biex takkomoda l-volum kbir tal-membri li kienu qed jattendu għat-taħriġ,



kif wkoll ix-xewqa tal-Gvern li jibdel din il-ġawhra ta' fortizza f'post turistiku, b'ħafna mbuttar mis-Sur John Rizzo, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Gvern iddeċieda li jibni Akkademja ġdida. Issa l-Korp kien sejjer ikollu Akkademja esklussivament iddisinjata biex taqdi l-ħtiġijiet tal-Korp. Issa ċ-ċirasa fuq il-kejk tkun il-ġurnata tal-ftuħ ta' din l-Akkademja fil-kumpless f'Ta' Kandja, fil-limiti tas-Siġġiewi, fejn jiena żgur li din l-Akkademja ser tkun qed toffri opportunitajiet kbar kemm fil-kwalita' u d-diversita` ta' taħriġ.

L-ispazju kbir li jdawwar din l-Akkademja jippermetti taħriġ ikkordinat minn diversi taqsimiet kemm tal-Korp kif ukoll dawk m'humiex. Wieħed jista` jsemmi taħriġ ta' ko-ordinament bejn il-Korp u l-membri tal-Protezzjoni Ċivili, jew it-tim mediku ta' emerġenza ta' l-isptar. Simulazzjoni ta' diversi sitwazzjoniet li l-membri tal-Korp jistgħu isibu ruħhom fihom waqt il-qadi tad-dmirijiet tagħhom. Din il-kwalita` ta' taħriġ tipprepara 'l-membri tal-Korp dwar x'għandhom jagħmlu u kif jaġġixxu f'sitwazzjonijiet diffiċili u ta' periklu għalihom u għal terzi persuni.

Jien żgur li s-swali fejn isiru l-lezzjonijiet, li huma arjużi u spazjużi kif wkoll is-serenita` u l-ambjent tal-madwar, jikkontribwixxu għall-prodott aħjar.

Jiena wkoll żgur li mhux il-membri tal-Korp biss, imma anke ċ-ċittadini jkunu kburin mhux biss mill-bini sabiħ tal-Akkademja imma anke mill-prodott li ser ikun servut għas-servizz tal-poplu minn din l-Akkademja ġdida.

Bħal ma ġara fil-każ tal-Kwartieri Ġenerali fejn illum, grazzi għas-Sur Rizzo, il-Kummissarju tal-Pulizja, il-membri kollha jħossuhom kburin bid-dekorazzjoni u tisbiħ tal-Kwartieri Ġenerali, hekk ukoll iħossuhom kburin bl-Akkademja tal-Pulizija l-ġdida.

Jiena fiduċjuż li fi ftit xhur oħra din il-ħolma ssir realta`, u f'qasir żmien nkunu qed nieħdu grokk għal din l-okkazzjoni hekk sabiħa u memorabbli.

ronald.kelly@gov.mt

# Introducing

## The HP ElitePad - The Tablet for Business and Beyond




from
€895
Inc VAT

## Get the true tablet for business and beyond.

Go beyond everyday business with the HP ElitePad powered by the latest Intel® Atom processor. Our premium thin and light Windows® 8 tablet puts productivity at your fingertips. Expand its potential with a complete suite of accessories designed to help you do more. Easy to deploy and manage with enterprise-class security, the HP ElitePad moves your entire business ahead.

### Flexible customizable options

Slide the HP ElitePad into the Expansion Jacket , along with an additional Jacket Battery to work without worry about recharging. Dock at the office and the HP ElitePad becomes your desktop PC. The HP ElitePad Expansion Suite turns a true business tablet into a total business solution.

### Power your operations

Support for existing business applications and industry-specific software and hardware options make for easy, customizable deployment.




| | | |
|---|---|---|
| Windows<br>Ready for business | 9.2mm<br>Thin profile for a sleeker experience | 0.68KG<br>so you can do business anywhere |
| 64GB<br>Up to 64GB storage capacity to carry it all with you | 10.1" diagonal<br>Multi-touch display with Corning® Gorilla® Glass 2 | 8.0MP<br>Rear-facing camera for crisp captures on the go |

eworld

CANNON ROAD, ST.VENERA
OPENING HOURS
MONDAY TO FRIDAY 9AM-6PM

MSIDA SEAFRONT , MSIDA
OPENING HOURS MONDAY TO FRIDAY
9AM-1PM 4PM-7PM SATURDAY 9AM-12.30PM

info : sales@eworld.com.mt or Tel : 23475141/2 or 21226112

# *Vetinary Life Support Course*

minn WPC 176 Sloune Fabri - CMRU

F'Mejju li għadda erba' membri mis-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija ngħataw taħriġ dwar kif wieħed għandu jagħti l-ewwel għajnuna fuq klieb f'diversi ċirkostanzi varji.

Dan it-taħriġ bl-isem ta' '*Vetinary Life Support Course*' ġie organizzat mill-*Emergency Response Rescue Corps* (*E.R.R.C*) u sar ġewwa l-kwartieri tas-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija. Permezz ta' kuntatti reġjonali u internazzjonali u fondi mill-Unjoni Ewropeja, din l-għaqda volontarja setgħet tagħmel l-arranġamenti kollha sabiex tiġi persuna mill-Italja – Dr Marco Filippi, u tagħti dan it-tagħlim.



It-taħriġ kien jikkonsisti f'sittax–il siegħa ta' tagħlim kemm fuq bażi ta' teorija u anki prattika fl-ewwel livell bażiku ta' kif *dog handler* għandu jagħti l-ewwel għajnuna fuq il-kelb tiegħu, x'għandu jagħmel u sa fejn jista' jasal bl-intervent tiegħu, kif ukoll ikun jaf f'liema ċirkostanzi għandu jsejjaħ aktar għajnuna professjonali.

Flimkien mal-membri tal-Korp tal-Pulizija li huma PS 41 Matthew Attard, PS 1182 Chris Formosa, PC 726 David Pizzuto u PC 1020 Patrick Magri, kien hemm ukoll membri mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li ħadu sehem f'dan it-taħriġ, kif ukoll membri minn għaqdiet volontarji non-governattivi bħalma huma l-*Emergency Response Rescue Corps* (*E.R.R.C*) u l-*Emergency Fire Rescue Unit* (*E.F.R.U*).

Nhar il-11 ta' Jannar 2013 saret ċerimonja ġewwa l-kwartieri tas-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija fejn il-membri kollha li ħadu sehem f'dan it-taħriġ ingħataw ċertifikat talli spiċċaw dan l-ewwel livell bażiku b'suċċess. Għal din iċ-ċerimonja attendew l-Assistent Kummissarju Dr Antoine Casha flimkien mal-Ispettur Kenneth Haber u Fr. Raymond Bonniċi għan-nom tal-Korp tal-Pulizija, Dr Raymond Xerri u s-Sur Etienne Micallef għan-nom tal-*E.R.R.C*, u s-Sur John Gera għan-nom tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-*E.F.R.U.*



Dr Raymond Xerri fid-diskors qasir tiegħu stqarr li dawn il-korsijiet qegħdin jingħataw lil diversi entitajiet tal-Gvern u kif ukoll lil għaqdiet non-governattivi bil-għan li jsir pass ieħor 'il quddiem u l-*istandards* ta' dawn is-sezzjonijiet jitjiebu u jiġu konformi ma' dawk tal-Unjoni Ewropeja. Filwaqt li l-Assistent Kummissarju Dr Antoine Casha wera' l-apprezzament tiegħu għan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija lejn l-*E.R.R.C* tal-għajnuna u s-sehem tagħhom f'dan it-taħriġ kif ukoll lejn dawk kollha li ħadu sehem. Huwa qal li huwa importanti li mhux biss nieħdu ħsieb il-*welfare* tal-Pulizija iżda wkoll tal-annimali li l-Korp għandu għad-dispożizzjoni tiegħu bħalma huma l-klieb u ż-żwiemel.

Bla dubju dan kien kors importanti ħafna għall-Korp tal-Pulizija għaliex id-*dog handlers* jafu sew li l-kelb, bħal persuna umana jista' jkollu aċċident jew saħansitra tinħoloq kundizzjoni medika bħal xi attakk tal-qalb, stroke, feriti jew ksur u jkun hemm bżonn ta' intervent immedjat. Għaldaqstant dan il-*course* se jgħinhom sabiex meta jiltaqgħu ma' ċirkostanzi ta' dan it-tip fejn ikun hemm bżonn intervent f'waqtu, ikunu jistgħu isalvaw il-ħajja tal-kelb jew ma jħallux s-sitwazzjoni tiggrava aktar.

sloune.fabri@gov.mt

# STATE-OF-THE-ART STAINLESS STEEL AQUARIUMS

*Amaze your guests & Beautify your Surroundings*




- Colours available in stock: Brushed/Mirror Stainless Steel & Black
- Easy to install
- Low maintainance, save a lot of space, unique and aestetic design

**Sizes & Prices**

| | |
|---|---|
| 70X70X12cm | - €240 |
| 900X590X12cm | - €295 |
| 120X590X12cm | - €350 |
| 1800X590X12cm | - €499 |

# The Home of Shower Deluxe

*...at unbelievable prices*

**All shower rooms have just been launched in Europe**

## PVC or Glass Panels for Anti-Rusting

Luxury look with all full extras Radio, LED Lights, Back Jets, Shelvings etc




wiseliving

Triq l-Ewkaliptus San Gwann
Tel: 2729 4949 - Mobile: 7730 3033 - 7970 8140
E-mail: info@wiselivingmalta.com
Website: www.wiselivingmalta.com

egoflame

All fireplaces comes with double layer burner

# ELEZZJONI ĠENERALI – 2013
# Il-Ħidma tal-Pulizija

Minn WPC 25 Charlene Camilleri - CMRU



Qabel ma' bdejna s-sena lkoll konna nafu li f'Marzu kien ser ikollna l-Elezzjoni Ġenerali kif ukoll dawk tal-Kunsilli Lokali f'bosta lokalitajiet. Għalina l-Pulizija, din l-aħbar tfisser xogħol bla waqfien. B'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa millqrib tal-ħidma ta' kważi kull sezzjoni fi ħdan il-Korp.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, bħala l-Kap tal-organizazzjoni qasam magħna diversi aspetti ta' xi jfisser u x'piż iġġorr magħha l-kariga tiegħu waqt dan iż-żmien. L-ewwel mistoqsija kienet waħda diretta – "Xi tfisser Elezzjoni Ġenerali għall-Kummissarju tal-Pulizija?"

Il-Kummissarju li ħadem bosta Elezzjonijiet tul il-karriera tiegħu f'diversi pożizzjonijiet spjega li r-rwol ta' Kummissarju jesiġi li jibdew isiru pjanijiet strateġiċi minn ħafna qabel sabiex ikun hemm riżorsi kollha meħtieġa u dan sabiex il-*commitments* li ġġib magħha l-Elezzjoni jkunu jistgħu jinħadmu mingħajr wisq diffikultajiet. Għalhekk huwa mportanti li dan ix-xogħol ta' loġistika jibda ħafna qabel ma titħabbar l-Elezzjoni. Filfatt il-Kummissarju spjega li bejn wieħed u ieħor wieħed ikun jista' jbassar id-data ta' meta tkun ser issir l-elezzjoni. Ghalhekk huwa mportanti li wieħed jibda bil-preparazzjonijiet li jkun hemm bżonn li jsiru. Infatti eżempju ċar kien l-aħħar reklutaġġ – f'dan il-każ kien opportun li r-rekluti joħorġu qabel sabiex jissaħħu r-riżorsi umani. Għalkemm seħħ dan il-proċess, xorta waħda ħadna ħsieb li ma jitnaqqasx taħriġ li jingħata ssoltu, u dan sar billi ngħataw taħriġ wara l-ħin normali u anke s-sibtijiet meta f'korsijiet preċedenti kienu jkunu *off*.



Dan kien importanti li jsir sabiex ikollna Pulizija ppreparati sew sabiex jaħdmu l-Elezzjoni Ġenerali. Kif jaf kulħadd f'Jannar bdiet il-Kampanja Elettorali u kien hawn ukoll li beda x-xogħol tal-Pulziija. L-ewwel ħaġa li għamilna kien dak li nlaqqgħu l-partiti politiċi. Dan il-proċess isir għal diversi raġunijiet. Is-Sur Rizzo jemmen fil-komunikazzjoni. B'hekk biss tista' ssolvi l-problemi li jkun hemm u li jinħolqu matul il-kampanja elettorali. Fost il-bosta suġġetti li jiġu diskussi nsibu meta u fejn ikunu se jsiru l-attivitajiet politiċi bħal dawk ta' taħt it-tinda, *mass meetings*, il-*billboards*, il-każini politiċi u l-ħinijiet ta' kif ħa joperaw, ir-rotot ta' fejn jgħaddu s-*supporters* speċjalment qabel u wara l-*meetings* u ħafna affarijiet oħra relatati. Dan kollu jsir f'forma ta' ftehim bil-miktub. Din l-Elezzjoni, kif antiċipajna kellna l-problemi tas-*social networks* partikolarment fil-jiem ta' riflessjoni u ċioe meta mhux suppost li jkun hemm attivitajiet politiċi jew pubblikazzjoni ta' materjal politiku li b'xi mod jista' jinfluwenza lil wieħed kif għandu jivvota. Filfatt dawn kienu ta' problema biex tikkontrollahom kollha b'mod effettiv. Il-Kummissarju ħadem ukoll mal-partiti sabiex fil-*meetings* li saru kemm jista' jkun ma jinqalgħux inċidenti bejn is-*supporters* li jistgħu jwasslu għal tensjoni oħra bla bżonn. L-attivitajiet taż-żewġ partiti kienu ħafna u attivi għall-aħħar pero s-Sur Rizzo jemmen li bir-riżorsi kif ġew ippreparati konna kapaċi nlaħħqu ma' dawn l-attivitajiet mingħajr ma ġie traskurat ix-xogħol normali tal-Pulizija ta' kuljum. Dan ma kienx grazzi biss għall-Pulizija iżda anke għall-pubbliku inġenerali li mexa' bl-iktar mod korrett u ċivili u li wera l-ko-operazzjoni kbira mal-Pulizija. Il Kampanja Elettorali kienet waħda attiva u kumbattuta mill-aspett politiku pero b'sodisfazzjon ngħid li l-ħidma tal-Pulizija ġiet apprezzata minn kulħadd u dan kien jidher ċar mill-kummenti pożittivi li wasslulna. Is-Sur Rizzo spjega ukoll kif apparti laqgħat mal-partiti politiċi, kien hemm ukoll laqgħat regolari mal-Kummissjoni Elettorali sabiex isiru preparament kollha li jkun hemm bżonn. Barra minn hekk ħadna ħsieb biex nibdew bil-preparazzjoni ta' sigurta' ġewwa l-*Counting Hall* li kif jaf kulħadd dan kien ġewwa l-ex-*Trade Fair Grounds* fin-Naxxar. Apparti dan, flimkien ma' kollegi



oħra nibdew nippreparaw mill-att loġistiku għat-tqassim tal-voti f'kull lokalita'. Ippreparajna ukoll il-lista ta' Pulizija li kienu ser ikunu mal-postijiet tal-votazzjoni, dawk fis-sala tal-għadd tal-voti, dawk li ħa jibqgħu fl-għasses u fil-*branches* u oħrajn li kienu se jkunu rinforz ġewwa d-depot. Il-Kummissarju ried li jiġi żgurat li jkollna l-mezzi tat-trasport, l-ikel u kollox ippreparat għal dak kollu li jkun hemm bżonn. Dan kollu jirrikjedi sigħat twal ta' diskussjoni u preparazzjoni ma' uffiċjali oħra tal-Pulizija. Dawn il-preparazzjonijiet huma mibnija fuq esperjenza minn elezzjonijiet preċedenti u dejjem nipprovaw nirranġaw għall-aħjar. Il-Kummissarju wera' sodisfazzjon kbir meta rċieva ittri ta' tifħir kemm mill-partiti politiċi kif ukoll mill-Kummissjoni Elettorali li lkoll faħħru l-ħidma u l-mod kif imxiet il-Pulizija tul il-Kampanja Elettorali partikolari waqt it-tqassim tal-voti, u l-attivitajiet politiċi tal-massa fid-diversi postijiet ta' votazzjoni, ġewwa ċ-ċentru tal-għadd tal-voti, kif ukoll fil-jiem li saru ċ-ċelebrazzjonijiet. Dan forsi mhu xejn imma fil-verita' ifisser ħafna għax fl-aħħar mill-aħħar tieħu pjaċir meta tkun taf li x-xogħol tagħna jiġi apprezzat.

Il-Kummissarju ma naqasx li jsemmi l-allegazzjonijiet li jsiru tul il-kampanja elettorali. Ħafna drabi l-Pulizija jkollha tinvestiga dawn l-allegazzjonijiet fl-inqas żmien possibbli. Waħda mill-akbar investigazzjonijiet li kellna kienet dik li tikkonċerna x-xiri ta' żejt. Din l-investigazzjoni kienet waħda ntensiva u dan wara li l-Pulizija kienet għadha ħierġa minn investigazzjonijiet kbar bħal ma kienu tal-ex-Imħallef u l-ex-Kummissarju tal-Ewropa. Kif għidna, mportanti ħafna li tipprepara tajjeb minn qabel u b'hekk biss tista' tevita li l-affarijiet jmorru ħżiena u mhux kif mixtieq.

Il-ħsieb wara l-pjan, li nħadem id f'id mad-Deputat Kummissarju kien li apparti li nżommu rinforz ġewwa d-depot, kemm jista' jkun nsaħħu tajjeb ukoll l-għasses tagħna. Dan għamilnieh ħalli f'kull Għassa jkun hemm ir-riżorsi umani biżżejjed għal kull eventwalita' li tista' tinqala. Kull ġurnata tagħmel id-differenza, ix-xogħol huwa varjat. Anke l-ħinijiet jagħmlu differenza. Irid ikollok ir-riżorsi neċessarji propju fil-ħinijiet l-aktar li jkun hemm bżonnhom. Nippreparaw pjan għal kull ġurnata, wieħed differenti mill-ieħor u trid timxi ukoll skond iċ-ċirkostanzi. In-nies iridu jitqassmu fejn ikun bżonn u tagħmel l-aħjar li tista' biex in-nies ma jgħajjewx minn qabel jkun beda x-xogħol kif ukoll ma jinżammux aktar milli jkun il-bżonn. Wieħed ma jridx jinsa li trid tingħata protezzjoni lil kull min ikollu bżonn. F'dan il-każ l-aktar lill-membri tal-partit tellief, għalkemm iż-żewġ partiti jkollhom il-protezzjoni minn qabel ma jkun magħruf ir-riżultat. Filfatt il-Kummissarju fil-ġurnata tal-Ħadd, flimkien mad-Deputat Kummissarju jmorru fiċ-ċentru tal-għadd tal-voti. Il-Kummissarju jemmen li l-preżenza tagħhom hemmhekk tagħmel differenza kemm man-nies tagħna kif ukoll mal-pubbliku. Dan isir ukoll sabiex ikun hemm serħan il-moħħ mal-partitarji kollha. Il-Kummissarju saħaq ukoll fuq kemm huwa mportanti li tkun ugwali u titkellem ma' kulħadd. Dan ma jsirx b'ipokrezija imma b'sens li turi li inti Pulizija ta' kulħadd.

Għalkemm din id-darba kienet waħda mill-itwal kampanji elettorali, meta jħares lura l-Kummissarju qal li kważi kważi lanqas jaf kif għaddew. Jemmen li l-poplu kif ukoll il-partiti urew maturita' kbira. Għalkemm il-poplu ipparteċipa bis-sħiħ tul il-kampanija elettorali, is-sehem tiegħu kien wieħed ċivili. Kollox sar fil-parametri tal-liġi. Il-Pulizija wkoll kellha sehem importanti fil-bon ordni taċ-ċelebrazzjonijet. Tista' tgħid li ma kellna l-ebda inċident kbir. Dan kien ta' sodisfazzjon kbir għalina l-Pulizija.

F'dawn il-kelmtejn il-Kummissarju xtaq isemmi li anki l-Armata kienet ta' għajnuna kbira għalina. Għalkemm is-sigurtà fiċ-ċentru tal-għadd tal-voti ġewwa n-Naxxar kienet speċifikament f'idejn il-Pulizija, l-Armata għenet b'mod partikolari fit-toroq li jikkontrollaw id-dħul u l-ħruġ għaċ-ċentru. Barra dan, fil-jiem ta' l-Elezzjoni, l-Armata joħdulna xi għasses li ssoltu nagħmlu aħna, bħal m'huma l-għasses mal-banek. Ta' dan kollu l-Kummissarju rringrazzja lill-Kmandant tal-Armata kif ukoll lil membri kollha tal-Armata tal-għajnuna tagħhom. Il-Kummissarju rringrazzja wkoll lill-membri tal-Protezzjoni Ċivili u diversi tobba u nurses li wkoll kienu xogħol fil-viċinanzi tas-sala tal-għadd tal-voti biex jagħtu l-għajnuna tagħhom f'każ li din tkun meħtieġa. Il-Kummissarju rringrazzja wkoll lill-Kummissjoni Elettorali u lill-partiti politiċi tal-fiduċja li wrew fil-Korp. Huwa diffiċli li fil-ftit ħin ta' din l-intervista tiġbor ix-xhur kollha ta' xogħol li għadda minnhom il-Korp u l-piż li



jġorr miegħu r-rank ta' Kummissarju. Ovvjament xi ftit tensjoni jkun hemm ukoll, imma mportanti li din ma turihiex u bħala Kummissarju jagħti l-eżempju lil ħaddieħor. Filfatt min-naħa tiegħu, għalkemm bħal kull elezzjoni x-xogħol ikun kbir, il-Kummissarju jħares lura b'sodisfazzjon kbir li għal darb'oħra l-Korp reġa' ta' prova tal-imġieba u l-kapaċitajiet tiegħu.

"Inħossni kburi b'kull membru ta-Korp, grazzi u grazzi ħafna."

**It-tqassim tal-voti**

Fl-24 ta' Jannar beda t-tqassim tal-voti madwar Malta u Għawdex. 141 Pulizija qassmu f'Malta filwaqt li 15 qassmu l-voti f'Għawdex. Qabel ma beda dan il-proċess, id-Deputat Kummissarju u s-Supretendent Mario Spiteri flimkien ma' persuna mill-Elettorat spjegaw lill-Pulizija dak li kien mistenni minnhom, infurmawhom bl-obbligi tagħhom kif ukoll il-proċess eżatt. Wara li t-tqassim fid-djar waqaf, il-voti li ma tqassmux ġew meħuda fl-għasses sabiex jiġu miġbura minn hemmhekk. Dan il-proċess baqa' għaddej sa nhar it-2 ta' Marzu 2013. Fiż-żmien li kienu jitqassmu l-voti ta' kuljum isir rendikont ta' kull vot li tqassam. Dan ir-rendikont jintbgħat lill-Kummissjoni Elettorali.

**Il-Kampanja Elettorali**

Bosta attivitajiet waqt kampanja elettorali jirrikjedu li partit politiku japplika għall-permessi mal-*Meetings Office*. Filfatt din id-darba x-xogħol żdied minħabba l-attivitajiet magħrufa taħt it-tinda. Ġa la darba l-permess joħroġ, ix-xogħol jgħaddi għall-Pulizija tad-Distrett fejn issir l-attivita` kif ukoll dawk li forsi b'xi mod ikunu nvoluti f'ordnar fit-toroq jew ġewwa d-depot.

L-Assistent Kummissarju, is-Sur Neville Aquilina, inkarigat mir-Reġjun A, spjega kif attivitajiet tal-massa partikolarment dawk politiċi jaqgħu taħt l-Ordinanza tal-*Meetings* Pubbliċi u għaldaqstant it-tħaris tal-ordni f'dawn l-attivitajiet trid tiġi mħarsa. Ix-xogħol ivarja minn tneħħija ta' vetturi mill-akwata, *traffic management*, żamma tal-ordni kif ukoll iċċekkjar ta' *street hawkers*. Is-Sur Aquilina spjega kif qabel tibda l-attività, is-Supretendent ifiehem lill-Pulizija xi jkun mistenni minnhom. Sfortunatament waqt attivitajiet tal-massa, fosthom dawk politiċi, jinqalgħu xi argumenti li fil-maġġoranza





tagħhom ma jkollhomx natura politika iżda argumenti familjari jew fejn ikun hemm nuqqas ta' ftehim. Punt pożittiv li kien hemm f'din il-kampanja kienet dik li l-partiti għamlu użu minn *coaches* u *mini buses* sabiex iwasslu l-attivisti tagħhom għall-*mass meetings* biex b'hekk il-volum ta' traffiku naqas. Waqt din il-kampanja, il-laqgħat mal-partiti kien wieħed kontinwu, spjega s-Sur Aquilina u l-koperazzjoni li kien hemm waqt din il-kampanja kienet waħda pożittiva u li ħalliet effett tajjeb. Is-Sur Aquilina temm billi rringrazzja lill-Pulizija li matul il-kampanja elettorali ħadmu ħin twil, ġurnata wara l-oħra u f'temp li mhux wieħed favorevoli, madanakollu x-xogħol tal-Pulizija kien wieħed effettiv fejn l-entitajiet u l-partiti politiċi urew l-apprezzament tagħhom.

Ir-Reġjun B, immexxi mill-Assistent Kummissarju Raymond Zammit ukoll kien impenjat sew fil-kampanja. Is-Sur Zammit qalilna li għalkemm din kienet l-ewwel Elezzjoni Ġenerali tiegħu fil-kariga ta' Assistent Kummissarju, xorta waħda hija d-disa' waħda kemm ilu jservi fil-Korp. Is-Sur Zammit iddiskriva kif Elezzjoni toffri ħafna iktar xogħol, impenn qawwi, siegħat twal ta' ħidma, laqgħat kontinwi u naturalment iktar sorveljanza kemm fuq is-subordinati kif ukoll f'kull post fejn tkun ser issir l-attività. Is-Sur Zammit qal li matul il-kampanja jkun hemm kuntatt personali u kontinwu kemm mal-fizzjali kollha ta' kull distrett kif ukoll possibilment mas-subordinati. Wieħed irrid jżomm dejjem f'moħħu li attivitajiet bħal dawn jistgħu joħolqu tensjoni kif ukoll xi argumenti. Bħas-Sur Aquilina, is-Sur Zammit ħass il-ħtieġa li jiltaqa' mar-rappreżentanti tal-partiti sabiex jiġi ppjanat kollox sal-inqas dettal. Filwaqt li kull Pulizija ġie spjegat lilu x'għandu jinnota u x'jirraporta waqt ħidmietu, wara l-attivita' jsir *debriefing* sabiex jiġi stabbilit kienx hemm xi rapporti bħall-argumenti. Fost id-diversi struzzjonijiet, is-Sur Zammit dejjem jisħaq fuq l-importanza li aħna l-Pulizija inkunu ta' eżempju u nassistu lill-pubbliku bl-aħjar mod possibbli speċjalment persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sur Zammit jifhem li kulħadd huwa uman, kulħadd għandu jivvota lill minn jixtieq hu, iżda bħala membri f'Korp dixxiplinat tajjeb li wieħed ikun kalm u fuq kollox onest mal-ġurament li ħa. Ladarba jaslu l-ġranet tal-Elezzjoni, tajjeb li wieħed jgħid li pjan ikun diġa' hemm minħabba li minn ħafna qabel ikunu saru laqgħat mall-Kummissjoni Elet-

torali, il-partiti u anke l-Kunsilli Lokali. Skond is-Sur Zammit, il-ġurnata tas-Sibt għalkemm tkun kemmxejn kwieta speċjalment fis-siegħat ta' filgħodu, dan ma jfissirx li l-Pulizija tkun b'idejha fuq żaqqa. Matul il-ġurnata ikun hemm superviżjoni ta' kull aspett mill-bidu tal-ġurnata sal-aħħar. Il-Ħadd, is-Sur Zammit jiddiskuti ma sħabu l-fizzjali sabiex jiġi żgurat li l-Pulizija 'kemm hu possibbli' ma jikkummentawx politikament u ma jidħlux f'diskussjoni ma persuni oħra. Kif jiġi mħabbar ir-riżultat u l-pubbliku jibda jiċċelebra, ix-xogħol tal-Pulizija jiżdied. Mistoqsi dwar x'kummenti li jixtieq jgħaddi issa li għaddiet l-Elezzjoni, is-Sur Zammit qalilna li m'hemmx kelma oħra ħlief 'grazzi kbira', kemm tal-kooperazzjoni kif ukoll dedikazzjoni li urew il-Pulizija. Grazzi ukoll li urew rispett kemm lill-pubbliku kif ukoll lilu personali u lejn uffiċjali oħra.

Ta' min isemmi li apparti l-impenji tal-kampanja elettorali, il-Pulizija kienet impenjata b'investigazzjonijiet sensittivi fuq allegazzjonijet li saru. B'mod partikolari t-Taqsima ta' Kontra R-Reati Ekonomiċi kienet impenjata f'ħidma intensiva li wasslet ukoll sabiex tressqu persuni l-Qorti. Dan kollu tefa' piż kbir fuq il-Pulizija u tista' tgħid li kważi kuljum konna fil-mira tal-midja lokali. U la qegħdin insemmu investigazzjonijiet ma rridux ninsew lill dawk l-investigaturi li kienu involuti f'investigazzjonijiet dwar każijiet li jirrigwardjaw il-voti u li rrikjedu investigazzjoni immedjata.

### Il-Ġranet tal-Elezzjoni Ġenerali

Minn meta tħabbret l-Elezzjoni Ġenerali, ta' spiss bdejna nisimgħu l-Pulizija jgħidu *"minn jaf fejn ħa nkunu"*. Il-Kummissarju tal-Pulizija u d-Deputat Kummissarju bl-għajnuna tas-Surġent 128 Joseph Farrugia bdew minn kważi tlett xhur qabel, sabiex jinħadem pjan ta' kif ħa jaħdmu n-nies. Is-Surġent Farrugia spjega li min-naħa tiegħu jibda billi jipprepara listi dettaljati ta' kull membru tal-Korp u fejn jinsab stazzjonat, bix-*shift* li jinsab fih u l-lokalità fejn joqgħod. Dan isir sabiex ikunu jistgħu jibdew l-ewwel proċess sabiex jiġu ddentifikati n-nies li se jqassmu d-dokumenti tal-votazzjoni. Is-Surġent ikun ukoll inkarigat mit-tqassim tal-Pulizija kollha fid-diversi għasses/branki u postijiet tal-votazzjoni jew fis-sala tal-għadd tal-voti u diversi postijiet oħra bħad-Djar tal-Anzjani, l-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali u oħrajn. Matul l-Elezzjoni Ġenerali, il-Korp kollu *duty* u kollha jkunu impenjati.






Is-Surġent Joseph Farrugia, li huwa nkarigat mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani qalilna wkoll li r-rwol tiegħu f'dan ir-rigward huwa wieħed li kontinwament jagħmel l-arranġamenti kollha meħtieġa mas-Surġenti-Maġġuri li jieħdu ħsieb id-*detail* sabiex jingħata l-aħjar riżultat. Filfatt mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani joħorġu d-dettalji kollha marbutin mat-tqassim tal-membri tal-Korp għal kull m'għandu x'jaqsam mal-elezzjonijiet, sija ġenerali kif ukoll tal-Kunsilli Lokali.

It-8 ta' Marzu bdiet il-votazzjonijiet fl-isptarijiet għalhekk bdiet topera l-*Operations Room*. Fost il-postijiet li fihom bdiet il-votazzjoni kien hemm propju l-Isptar Mater Dei, l-ikbar post tal-votazzjoni fir-rigward ta' sptarijiet. Inkarigat minn dan il-post kien hemm l-Ispettur Fabian Fleri. Is-Sur Fleri spjega kif huwa flimkien ma' tlett Surġenti u għaxar Kuntistabbli, kienu mpenjati sabiex tinżamm il-bon ordni waqt il-ħin tal-votazzjoni, jieħdu ħsieb it-traffiku u jiżguraw li ma ssirx influenza politika fuq il-votanti.

L-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi kien l-uffiċċjal delegat mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex imexxi l-*Operations Room*. Din kienet topera 24 siegħa minn nhar it-8 ta' Marzu sat-Tnejn 11 ta' Marzu. Jassistu lis-Sur Cauchi kien hemm is-Supretendent Mario Spiteri s-Supretendent Neville Xuereb. Kien hemm ukoll żewġ Spetturi li ħadmu fuq sistema ta' 12-il siegħa xogħol u 12-il siegħa mistrieħ, kif ukoll żewġ gruppi ta' Pulizija u membru mit-Taqsima tal-ICT li bdew jolternaw bejniethom kull 8 siegħat. Is-Sur Cauchi kompla jispjega kif tul din l-Elezzjoni, l-*Operations Room* kellha linji diretti mal-Kummissjoni Elettorali kif ukoll mal-Pulizija ġewwa l-kumpless tan-Naxxar, kellha moniteraġġ kontinwu ta' dak li kien qed isehh ġewwa n-Naxxar permezz ta' 16-il kamera kif ukoll inżammet kommunikazzjoni kontinwa mal-Pulizija kollha li kienu mpenjati f'xogħol differenti madwar Malta u Għawdex permezz tat-telefon u r-radju. Minn ġewwa l-*Operations Room* ukoll seta' jiġi segwit dak kollu li kien qed iseħħ fi Pjazza San Ġorġ, fl-okkazzjoni tal-ħatra tal-Prim Ministru permezz tal-kameras. Mistoqsi sabiex jispjega l-funzjoni tal-*Operations Room*, is-Sur Cauchi qalilna li minbarra x-xogħol ta' sorveljanza matul il-ġranet tal-votazzjoni u x'ħin bdew jiddaħħlu l-kaxxi tal-voti ġewwa l-

kumpless tan-Naxxar, il-Pulizija fl-*Operations Room* kellhom id-dmir li jirċievu l-ilmenti li jaslu mill-Kummissjoni Elettorali u r-rappreżentanti tal-partiti u jieħdu azzjoni mmedjata u jibqgħu jsegwu sakemm jaċċertaw ruħhom li l-ilment ġie trattat. Saru kuntatti regolari mas-Supretendenti fid-Distretti sabiex jiwerifikaw is-sitwazzjoni f'kull lokalità kif ukoll ma' dawk il-Pulizija li kienu qegħdin għassa fissa mar-residenza ta' xi persuna jew ma' xi propjetà. Aċċertaw li jekk kien hemm ħtieġa ta' Pulizija addizzjonali f'ċertu lokalitajiet dawn ġew indirizzati fl-iqsar ħin possibli. Ġewwa l-*Operations Room* inżammu wkoll rekords u informazzjoni dwar il-Pulizija fejn kienu stazzjonati kif ukoll dettalji tan-numru ta' Pulizija li kienu rinforz ġewwa d-Depot. Tajjeb li wieħed isemmi li l-Kummissarju wkoll żamm kuntatt kontinwu mal-*Operations Room* u kien infurmat b'dak kollu li kien qed jiġri fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex.

Minbarra l-*Operations Room*, uffiċċju ieħor li jinsab ġewwa d-Depot tal-Pulizija u li kien miftuħ 24 siegħa matul il-ġranet tal-Elezzjoni kien propju s-CMRU. Minn dan l-uffiċċju ġie immoniterjat dak kollu li kien qed jixxandar fuq it-televiżjoni, dak kollu li kien qed jintqal fil-gazzetti, kif ukoll fuq l-internet. Tistà tgħid li x-xogħol beda għaddej b'ritmu aktar mgħaġġel sa minn qabel ma tħabbret l-Elezzjoni u dan minħabba li l-Pulizija kienet qed tisemma kważi kuljum. Minbarra x-xogħol relatat mal-Elezzjoni Ġenerali, wieħed ma setax jinsa l-każi li seħħew u li xorta riedu jiġu rraportati. Ħdimna id f'id kemm mal-*Operations Room* li min-naħa tagħhom kien jiġi rraportat dak li kellu x'jaqsam mal-Elezzjoni. B'xorti tajba nistgħu ngħidu li ma kellna l-ebda inċident, filwaqt li bqajna ukoll naħdmu normali bħal dejjem mal-*Control Room* sabiex min-naħa tagħhom kienu jinfurmawna bl-inċidenti jew każijiet li seħħew li ma kienux relatati mal-Elezzjoni. F'dan il-każ ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll id-Deputat Kummissarju kienu nfurmati b'kull ilment jew mistoqsijiet li saru min-naħa tal-ġurnalisti.

Kull uffiċċju ġewwa d-Depot bħal kull għassa tal-Pulizija madwar Malta u Għawdex, kif ukoll l-iskwadri baqgħu miftuħin normali għall-pubbliku, veru li kien hemm numru inqas ta' persuni, iżda l-pubbliku xorta waħda baqa' moqdi mill-aħjar mod possibli.




Matul il-ġurnata tas-Sibt, kull fejn kienet qiegħda ssir il-votazzjoni kien hemm numru ta' Pulizija li bdew minn kmieni filgħodu u li kienu mqassma fil-postijiet tal-votazzjoni, kemm ġewwa u barra sabiex jikkontrollaw in-nies, kif ukoll barra t-toroq jidderiġu traffiku u jaraw li kulħadd iżomm l-ordni skond il-liġi. Kienu wkoll impenjati li b'mod partikolari sabiex jaħdmu ma' persuni li kienu qed jirrappreżentaw il-partiti politiċi kif ukoll persuni mill-Elettorat u jiżguraw li ma tinħoloqx kommossjoni jew propaganda relatata mal-Elezzjoni.

Ġewwa d-Depot tal-Pulizija matul il-ġranet tas-Sibt, il-Ħadd kif ukoll it-Tnejn kien hawn rinforz ta' Pulizija li mall-ħin dawn inħarġu u tqassmu madwar Malta fl-iktar lokalitajiet u postijiet li huma magħrufa li jistà jkun hemm ċaqliq. L-Ispettur Stephen Mallia, is-Surġent-Maġġur Audrey Cassar u s-Surġent-Maġġur Michael Mulvaney kienu nkarigati minn dan ir-rinforz. Ma nistawx ma nsemmux lill-Pulizija li kienu qed jaħdmu bla waqfien ġewwa l-kċina tal-Pulizija kemm dik ġewwa d-depot kif ukoll dik ġewwa ċ-Ċentru tal-għadd tal-voti, in-Naxxar. Min-naħa tagħhom żgur li ppruvaw li jaqdu lil kull wieħed u waħda minna, bħal uffiċċjali oħra tal-MT Garage u dawk tat-*Trades* li dawn kellhom ħidma bla waqfien speċjalment biex jarmaw u jżarmaw il-*barriers*, kif ukoll jwasslu l-Pulizija f'lokalitajiet differenti.






Apparti x-xogħol li kien għaddej minn ġewwa d-Depot tal-Pulizija, numru kbir ta' Pulizija kienu għaddejjin b'ħidma kontinwa ġewwa ċ-Ċentru tal-għadd tal-voti, in-Naxxar. Hemmhekk il-Pulizija jkunu b'dak li nsejħulu '*live-in*'. L-Assistent Kummissarju Neil Harrison kien l-uffiċċjal inkarigat mis-sigurtà tal-kumpless kollu tal-għadd tal-voti. Dan kien jinvolvi xogħol u preparamenti li jibdew minn ġimgħat qabel u li jinkludu laqgħat ma' uffiċjali tal-Kummissjoni Elettorali, uffiċċjali għolja fl-armata, rappreżentanti tal-partiti u entitajiet oħra kemm privati kif ukoll governattivi li b'xi mod ipprovdu servizz matul il-ġranet tal-għadd tal-voti. Is-Sur Harrison kompla jispjega li l-aħħar ġimgħatejn, il-ħidma tiżdied u r-responsabbiltà tibda tinħass iktar. Filfatt ġewwa l-kumpless tal-għadd tal-voti jintrama uffiċċju kif ukoll *Control Room* fejn jibdew isiru bosta preparamenti, fosthom jibdew jitlesstew l-*isleeping quarters*, faċilitajiet ta' showers u toilets kif ukoll kċina mgħammra u *canteen* miftuħ matul il-ħin kollu.

Il-*Control Room*, qalilna s-Sur Harrison, kienet iċ-ċentru tal-koordinazzjoni tal-ħidma tal-Pulizija, minn fejn il-Pulizija setgħet tara kull rokna tal-kumpless għall-fini ta' sigurtà. Għal din l-Elezzjoni, ġew mgħammra 64 kamera tas-sigurtà madwar il-kumpless kollu. Minħabba l-fatt li din is-sena nofs il-votanti kienu eliġibbli li jivvutaw ukoll għall-elezzjoni tal-Kunsili Lokali, għaldaqstant il-Pulizija reġgħet kienet impenjata ġewwa n-Naxxar matul tmiem il-ġimgħa ta' wara. Din id-darba il-ħidma tal-Pulizija ġewwa l-kumpless kienet f'idejn is-Supretendent Norbert Ciappara.

Mistoqsi rigward kif kienu stazzjonati l-Pulizija ġewwa u barra s-sala tal-għadd tal-voti, u wkoll rigward id-dmirijiet tal-Pulizija, is-Sur Harrison spjega li minħabba l-fatt li l-Pulizija kienu responsabbli mis-sigurtà tal-kumpless kollu kif ukoll mis-sigurtà tal-perimetru intern, il-Pulizija kienu mqassma kważi kullimkien. Ir-responsabbiltà tat-toroq li jwasslu għall-kumpless kollu kienet f'idejn il-Forzi Armati ta' Malta. In-numru ta' Pulizija li kienu dettaljati speċifikament inkonessjoni ma' din il-ħidma laħħaq għal aktar minn 200 ruħ u fost id-diversi dmirijiet li kellhom, kien hemm li jaraw illi ġewwa l-bini jew ġewwa l-perimetru jidħlu biss dawk il-persuni li kienu awtorizzati. Rwol ieħor importanti kien li l-Pulizija rat li



tinżamm il-bon ordni u hawnhekk is-Sur Harrison għalaq l-intervista tiegħu billi semma' li kien hemm koperazzjoni sħiħa mill-partiti u mill-persuni kollha li attendew għall-proċess tal-għadd tal-voti u dan wassal biex ix-xogħol tal-Pulizija jkun iffaċilitat.

Is-Supretendent Marco Mallia, inkarigat mit-taqsima tal-SAG, tal-Klieb u l-Kavallerija spjega kif fl-Elezzjoni s-Servizzi Prottettivi kienu nvoluti fir-rinforz ġenerali. It-taqsimiet tal-SAG, tal-Klieb u wkoll tal-Kavallerija kellhom parti minn dan. It-taqsima tal-SAG kellha r-rwol tagħha bħala l-iskwadra li tintuża f'każi ta' interventi meħtieġa waqt kontroll tal-follol. Membri ta' din it-taqsima kienu stazzjonati kemm ġewwa Ta' Kandja kif ukoll ġewwa d-depot.

It-Taqsima tal-Klieb kellha żewġ rwoli matul din l-attività. L-ewwel rwol kien dak tal-klieb tal-protezzjoni fejn il-*handlers* flimkien mal-klieb tagħhom taw is-servizz tagħhom fil-kumpless tal-għadd tal-voti fin-Naxxar. It-tieni rwol kien dak tal-klieb tal-isplużiv fejn il-*handlers* u l-klieb tagħhom wettqu tfittxijiet ta' sigurtà f'żoni partikolari fosthom fin-Naxxar u fuq il-vapur li wassal il-voti minn Għawdex għal Malta.

It-Taqsima tal-Kavallerija wkoll kienet involuta fil-protezzjoni tal-kumpless tal-għadd tal-voti. Il-membri ta' din it-taqsima taw is-sehem tagħhom kemm bħala parti mill-istakkament ta' Pulizija stazzjonat ġewwa n-Naxxar kif ukoll bħala rikkieba






fuq iż-żwiemel tagħhom.

Sezzjoni oħra li kellha rwol importanti waqt l-Elezzjoni kienent propju l-Iskwadra Mobbli. L-Ispettur Antoine Cilia, inkarigat minn din l-Iskwadra qalilna li apparti r-responsabbiltajiet ta' kuljum, l-Iskwadra Mobbli kienet impenjata sew waqt il-ġranet tal-Elezzjoni. Filfatt għal dawk il-ġranet din l-Iskwadra kienet imsaħħa billi l-erba' *shifts* ġew maqgħuda għal tnejn u b'hekk il-preżenza tal-Pulizija fuq ronda mat-toroq tistà tgħid li rrduppjat.

Responsabbiltà importanti li kellhom f'idejhom kienet l-iskorta tal-kaxxi tal-voti mill-post tal-votazzjoni sal-kumpless tal-għadd tal-voti. Filfatt dan l-eżerċizzju beda propju l-Ġimgħa wara li ngħalqu l-votazzjonijiet ġewwa l-isptarijiet. Fil-lejl ta' bejn il-ġimgħa u s-Sibt, l-Iskwadra Mobbli tkun impenjata wkoll tissorvelja l-postijiet kollha tal-votazzjoni sabiex tassigura li ma jkunx hemm tfiegħ ta' *flyers* li jirrigwardjaw il-politika. Saru wkoll rondi intensifikati ma' diversi residenzi ta' persuni prominenti, kif wkoll postijiet sensittivi oħra. Fil-jum tal-votazzjoni, eżatt kif ingħalqu l-postijiet tal-votazzjoni, l-Iskwadra Mobbli intensifikat ir-rondi madwar it-toroq li minnhom kienu mistennija jgħaddu x-xarabanks bil-kaxxi sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm l-ebda ostaklu li seta' jfixkel it-traġitt. Fil-ġurnata tal-Ħadd, il-membri tal-Iskwadra intervjenew billi assistew fil-kontroll tat-traffiku. L-Ispettur Cilia ma naqas li jsemmi li ngħataw ukoll skorti lill persuni prominenti kull meta ntalab u punt importanti li tajjeb li wieħed isemmi huwa li l-Iskwadra Mobbli kienu l-ħin kollu f'kuntatt dirett mal-*Operations Room* kif ukoll mal-*Control Room* u b'hekk servew ta' għajnejn għal dak li kien qed jiġri u s-sitwazzjoni fit-toroq.

Is-Sezzjoni tat-Traffiku, immexxija mis-Supretendent Martin Bayliss kienet impenjata bl-immaniġġjar tat-traffiku fit-toroq. Filfatt l-Ispettur Mario Tonna spjega kif il-Pulizija ta' din id-diviżjoni kienu qed jaħdmu fuq ħin ta' tmien siegħat xogħol u tmien siegħat mistrieħ. Huma kienu assenjati madwar Malta sabiex apparti li jaraw, bħal kull ġurnata oħra li ċ-ċittadini jimxu mal-liġi fit-toroq, jiggwidaw it-traffiku speċjalment fil-ġranet tal-Ħadd u t-Tnejn meta jkollok massa ta' nies imxerda mat-toroq kollha.

Permezz ta' dan l-artiklu pruvajna nagħtu stampa tal-ħidma tal-Korp kollu waqt l-Elezzjoni Ġenerali. Kull wieħed u waħda minnha taw is-sehem tagħhom, kemm dawk imsemmija u dawk li mhumiex u bħala Korp għandna nkunu kburin li għadda kollox b'wiċċ il-ġid.

charlene.camilleri@gov.mt

# L-Għassa tal-Belt Valletta

minn WPC 280 Louise Camilleri - CMRU

F'Ġunju tal-2011, l-Għassa tal-Belt ġiet rilokata fi Triq l-Arċisqof.

L-Għassa l-ġdida tinsab f'pożizzjoni tajba kemm għar-residenti kif ukoll għaż-żona kummerċjali għaliex din tinsab ċentrali ħafna. Għandek in-naħa ta' fuq fejn hemm iż-żona imsejħa kummerċjali mħallta ma' ftit residenti filwaqt li n-naħa t'isfel hija msejħa ż-żona residenzjali.

L-Għassa hija mqassma fuq erba` sulari. Fis-sular t'isfel wieħed isib reception area, l-uffiċċju tas-Surġenti kif ukoll locker room. Bejn l-ewwel u t-tieni sular hemm l-uffiċċju tas-Surġent Maġġur u fit-tieni sular u fit-tielet sular hemm l-uffiċċini tal-fizzjali. Ġewwa l-Għassa hemm ukoll kantina li fiha jinzammu l-portable traffic signs fost affarijiet oħra.

Bħalissa għaddejjin proċeduri sabiex isir lift ħalli l-pubbliku li jkollu bżonn jagħmel rapport ma' fizzjal ikun moqdi aħjar.




Żvantaġġ li nsibu fir-rilokazzjoni tal-Għassa huwa li għad hawn min ma jafx fejn tinsab peress li hemm nuqqas ta' sinjali li jindikaw id-direzzjoni.

louise.b.camilleri@gov.mtá

# *Card Fraud* - Nipproteġu l-*cards* tagħna mill-frodisti (It-Tielet Parti)

Mill-Ispettur Ian Joseph Abdilla – *Economic Crimes Squad*

F'dan it-tielet u l-aħħar artiklu f'din is-sensiela li kellna fil-magażin "Il-Pulizija", se nħarsu ftit lejn kif għandna nipproteġu ruħna minn attakki li huma mmirati biex jisirqulna l-informazzjoni bankarja personali, x'inhuma l-iżviluppi li qegħdin iseħħu f'dan il-qasam, kif ukoll se naraw x'għandna nagħmlu bħala pulizija meta niltaqgħu ma' dawn ir-reati.



Forom li jintużaw mill-kriminali biex jieħdu kopja ta' partijiet tal-ATMs.

## Kif nistgħu nipproteġu ruħna

Issa li rajna d-diversi metodi ta' kif id-dettalji personali u bankarji tagħna jistgħu jiġu kkuppjati jew misruqa, importanti li nagħtu ħarsa lejn x'għandna nagħmlu biex nipproteġu ruħna minn dawn il-kriminali.

L-ewwel u l-iktar ħaġa importanti hija li inkunu viġilanti, u moħħna hemm f'kull okkażjoni li fiha nintalbu biex nagħtu d-dettalji jew nużaw il-kard bankarja tagħna. Bi ftit ħsieb, nistgħu nevitaw li naqgħu vittmi ta' dawn in-nies.

Għandna nżommu l-kards separati minn mal-*PIN numbers* tagħhom. Dawn in-numri għandhom jiġu mmemorizzati, u m'għandna qatt niktbuhom fuq l-istess kards, jew fuq karti miżmumin magħhom. Jekk dan isir, u jsiru xi transazzjonijiet mhux awtorizzati minn terzi persuni, il-bank ma jagħti l-ebda kumpens, u aħna nsofru d-danni kollha.

Waqt li nkunu qegħdin nużaw l-ATMs jew xi magni oħra li għalihom nużaw il-kards, għandna wkoll noqgħodu attenti għal oġġetti li jkunu mwaħħlin mal-istess magni. Kif rajna qabel, dawn l-oġġetti jitwaħħlu fuq is-slot fejn tiddaħħal il-



Ħsarat li jsiru ma' l-ATMs mill-kriminali

kard, jew f'postijiet oħra bħal fil-kaz ta' *PIN-pad overlay*. Wieħed għandu jiċċekkja l-*card slot* u partijiet oħra tal-magna biex ikun ċert li m'hemm xejn imwaħħal. Fl-istess ħin, għandna ngħattu l-*PIN number* b'idejna jew permezz tal-wallet biex f'każ li jkun hemm xi kamera imwaħħla mal-magna, din ma tkunx tista' tirrekordja n-numru tagħna.

Wieħed għandu jagħti każ ukoll għal xi nies suspettużi li jkunu fil-viċinanzi tal-ATMs. Ħadd ma għandu jaċċetta għajnuna waqt li jkun qiegħed juża l-magni, u fl-istess waqt, wieħed għandu jħalli spazju biżżejjed fil-kju biex klijent ikun jista' jinqeda bil-kumdita'.

Il-banek kummerċjali kollha joffru servizz kontinwu ta' sapport lill-klijenti tagħhom fir-rigward ta' kards. Għalhekk wieħed għandu jżomm fuq il-*mobile* dan in-numru biex, f'każ ta' emerġenza jew ħtieġa, il-bank jiġi kkuntattjat u nfurmat immedjatament. In-numru tat-telefon ta' sapport jinsab fuq wara ta' kull kard bankarja.

Għandna nagħtu każ id-data ta' meta il-kard bankarja tkun se tiskadi. Normalment il-bank jibgħat ir-*renewal card* madwar xahar qabel, u għalhekk, jekk wieħed iżomm *reminder* fuq il-*mobile* ta' dan il-perjodu, f'każ li l-kard tinsteraq jew tintilef fil-posta, il-bank għandu jiġi kkuntattjat.

Ikun idejali wkoll li meta nużaw il-kards tagħna fil-ħwienet, ma nitilqu qatt il-kards minn taħt għajnejna. Dan japplika b'mod speċjali fir-ristoranti, fejn hemm id-drawwa li



Partijiet neqsin mill-ATMs

nagħtu l-kards tagħna lill-*waiters* biex jitħallas il-kont. Ikun aħjar li wieħed iqum minn mal-mejda u jħallas personalment milli jitlaq il-kard minn idejh, u b'hekk jiġi evitat li tiġi kkuppjata l-informazzjoni minn fuq il-kard.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' *phishing*, importanti li nżommu f'moħħna li l-banek u organizzazzjonijiet oħra serji li jkollna x'naqsmu magħhom, bħal per eżempju *PayPal*, m'huma qatt se jitolbuna l-*PIN number* tagħna.

Importanti li meta nkunu se naċċessaw *Internet websites* ta' banek u organizzazzjonijiet oħra li magħhom nagħmlu xi forma ta' pagament bil-kards, dan nagħmluh billi niktbu l-*Internet address* direttament fuq l-*address bar* tal-*web browser* tagħna, u m'għandniex nidħlu f'dawn is-siti minn *links* li nirċievu minn fuq e-mails.

B'mod regolari għandna niċċekkjaw l-*istatements* tal-kontijiet li magħhom għandna abbinati xi kards. Illum il-ġurnata, dan nistgħu nagħmluh faċilment u regolarment permezz tal-*Internet Banking*. F'każ li niskopru transazzjonijiet mhux awtorizzati, il-bank għandu jiġi kkuntattjat b'mod immedjat.

## X'tip ta' protezzjoni jagħtuna l-banek

Illum il-ġurnata, ir-reati li tkellimna fuqhom huma magħrufa sew kemm mal-kumpaniji internazzjonali li jipprovdu servizzi finanzjarji, bħal Visa u Mastercard kif ukoll mal-banek kummerċjali, kemm lokali kif ukoll dawk barranin.

Fid-dawl tal-fatt li dawn ir-reati qegħdin kull ma jmur jiżdiedu, bil-konsegwenza li anke t-telf finanzjarju għal dawn il-kumpaniji qiegħed ukoll jiżdied, qed jiżiedu l-miżuri ta' sigurta' mas-sistemi kollha li jintużaw għal transazzjonijiet finanzjarji li jinvolvu kards.

Żvilupp importanti li kellna f'dawn l-aħħar snin kien l-introduzzjoni tas-sistema Europay, Mastercard, Visa (EMV) li ħafna jafuha bħala s-sistema *Chip & PIN*. Bħala parti minn din is-sistema, il-*credit cards* qegħdin jinbidlu biex jinkludu ċippa li fiha jkollha l-informazzjoni bankarja, u magħha jkun hemm abbinat *PIN number* li jrid jintuża kull darba li ssir transazzjoni. Fl-istess waqt, l-*Electronic Point of Sale* (EPOS) *machines* fil-ħwienet inbidlu kollha biex ikunu jistgħu jaċċettaw il-kards il-ġodda. Fost affarijiet oħra, dawn il-magni l-ġodda joffru wkoll miżuri ta' sigurta' akbar, u ma jippermettux *tampering* magħhom.

Għalkemm ic-*Chip & PIN* mhix xi sistema nfallibli, din tagħmilha ħafna iktar diffiċli biex il-kriminali jagħmlu *cloning* ta' kards. Filfatt, fejn is-sistema EMV ġiet introdotta, flimkien ma' sistemi oħrajn, il-frodi fuq il-kards naqset drastikament.

Fil-preżent il-banek qegħdin ukoll jadottaw miżuri ta' sigurta' oħra biex jipproteġu 'l-klijenti tagħhom. Fost dawn insibu sistemi ta' notifika permezz ta' SMS kull darba li ssir transazzjoni bil-kard, sistemi fejn klijent jintalab jattiva kards ġodda minn fuq l-*Internet Banking*, u sistemi ta' *profiling* fejn il-banek jibnu profil tal-metodi ta' nfiq ta' klijenti individwali tagħhom, biex f'każ ta' transazzjonijiet li ma jkunux jaqblu ma' dak il-profil, il-klijent jiġi kkuntattjat immedjatament mill-bank.

Qegħdin jinbidlu wkoll il-magni awtomatiċi kollha liema magni joffru protezzjoni addizzjonali lill-klijent bl-aħħar teknoloġija li hawn fis-suq.

Fuq kollox, illum il-ġurnata nbniet relazzjoni tajba ħafna bejn il-banek kollha kummerċjali, u l-pulizija ta' Malta, b'mod li dawn ir-reati qed jiġu iddentifikati fl-inqas ħin possibli u qiegħda tittieħed azzjoni mmedjata miż-żewġ partijiet.

## X'għandna nagħmlu bħala pulizija

Huwa importanti li bħala pulizija nkunu nafu x'għandna nagħmlu jekk niltaqgħu ma' dawn is-sitwazzjonijiet. L-iktar ħaġa importanti hi li, bħal ma' nagħmlu għal kull reat ieħor, għandna nkunu viġilanti fix-xogħol tagħna. Waqt ir-rondi li jkunu qegħdin isiru, jew waqt li nkunu għassa ma' banek jew postijiet oħra, għandna nagħtu każ ta' xi jkun qed jiġri madwarna, nosservaw persuni suspettużi, u niċċekkjaw il-magni awtomatiċi biex naraw jekk hemmx oġġetti barranin mwaħħlin magħhom. Għandna nirrapurtaw immedjatament jekk insibu ħsarat mal-magni awtomatiċi jew oġġetti neqsin minnhom.

F'każ li jinstabu xi oġġetti mal-magni, għandna ninfurmaw lill-bank konċernat u t-Taqsima ta' kontra r-Reati Ekonomiċi. Jekk ikun possibli għandha ssir sorveljanza diskreta mal-magna biex f'każ li l-kriminali jiġu jaqilgħu l-apparat, dawn ikunu jistgħu jiġu arrestati immedjatament.

Fejn hu possibbli, l-apparat m'għandux jiġi maqlugħ qabel jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha, imma jekk dan hu meħtieġ, dan għandu jsir b'mod kawt biex l-evidenza fuqu, bħal marki tas-swaba, u l-informazzjoni li tkun ittieħdet, tiġi ppreservata.

Dan it-tip ta' xogħol m'għandux isir minn uffiċjal tal-pulizija waħdu, peress li f'każ li l-kriminali jiġu biex jieħdu lura l-apparat, tali sitwazzjoni tista' tpoġġi lill-pulizija f'periklu.

**Rimarki finali**

Nixtieq nikkonkludi din is-sensiela ta' artikli billi nirringrazzja lil dawk il-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija li bil-ħidma tagħhom qegħdin jassistu fl-investigazzjonijiet ta' dawn ir-reati.

Bi pjaċir illum ngħid li kull pulizija f'kull distrett u diviżjoni ngħata taħriġ dwar dan is-suġġett, b'diversi lezzjonijiet li jsiru regolarment fl-Akkademja tal-Pulizija, fejn jintwera wkoll l-apparat li jinqabad minn żmien għal żmien, ħalli b'hekk kulħadd ikun jaf iktar fuq dan is-suġġett. Illum kburi ngħid li meta jiġu rrapurtati dawn it-tip ta' reati, b'entużjażmu u b'mod mill-iktar veloċi, il-pulizija kollha involuti jagħtu s-sehem tagħhom ħalli dawn l-atti jiġu riżolti mill-iktar fis possibli mingħajr wisq dewmien, u mingħajr ma jsir dannu kbir lill-vittmi tagħhom.

Bil-ħila ta' kulħadd u b'kollaborazzjoni sħiħa mal-partijiet kollha konċernati, aħna kommessi li nkomplu nipprovdu servizz tajjeb biex nipproteġu s-sistemi bankarji tagħna.

ian-joseph.abdilla@gov.mt

## IL-BATTLE DRESS



Ir-ritratti li jidhru llum juru Pulizija Maltin (PC375 James Long li qiegħed fuq in-naħa tal-lemin li aktar tard sar Surġent - ara r-ritratt t'isfel) libsin il-famuża *battle dress*. Naturalment, kif jixhed isem din il-libsa, din l-uniformi kienet ġiet introdotta fiż-żmien it-Tieni Gwerra Dinija. Hi kienet tikkonsisti f'qalziet u ġaketta ta' lewn kannella ċar bl-għonq magħluq. Il-ġakketta kienet forma ta' *waist jacket* b'ċinturin mill-istess ċinta sal-ġakketta.



# Għoti ta' *Shield*, Ċertifikati u Trofej u Ħatra ta' Surġenti – Ċerimonja 6 ta' Jannar 2013

minn WPS 101 Roberta Grima - CMRU



Bħal ma jsir kull sena, nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar 2013, saret iċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati u unuri lil dawk il-membri li matul is-sena li għaddiet iddistingwew ruħhom b'azzjonijiet li wettqu.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, flimkien mas-Sinjura tiegħu, l-Onorevoli Assistent Parlamentari Dr Beppe Fenech Adami LLD flimkien ma' uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp attendew għaċ-ċerimonja li saret ġewwa s-Sala Vilhena, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Fis-Sala Vilhena kien hemm preżenti numru ta' membri tal-Korp kif ukoll ta' eks-membri. Din iċ-ċerimonja rat il-bidu tagħha b'quddiesa kkonċelebrata mill-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija, Fr Raymond Bonnici.

Wara li saret talba mill-Kappillan u ġew imfakkra membri tal-Korp, u kemm pensjonanti li ħallewna matul is-sena 2012, bdiet iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premijiet, bil-Kummissarju tal-Pulizija jipprezenta dawn il-premijiet.

It-Trofej u s-*shield* tal-kompetizzjoni tal-isparar li saret fl-Akkademja tal-Pulizija ntrebħu minn:

**L-ewwel post**
PC 335 Mervyn Borg stazzjonat fl-ewwel distrett;

**It-tieni post**
PC 1069 Colin Psaila stazzjonat fil-ħames distrett;

**It-tielet post**
PS 1585 James Weatherhill stazzjonat fit-tieni distrett.

L-aħjar membru tal-Korp mara li marret tajjeb f'din il-kompetizzjoni kienet WPS 33 Bernardette Valletta stazzjonata fis-sitt distrett.

L-aħjar distrett/branka fl-isparar kienet l-Iskwadra Mobbli, u għaldaqstant, l-Ispettur Antoine Cilia, PC 1538 Raymond Mizzi, PC 282 Adrian McKay u PC 752 Justin Said telgħu sabiex jirċievu x-*shield* mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

**Ċertifikati ta' mertu ngħataw lil:**






• PC 52 Emanuel Agius talli fit-18 ta' Frar 2012 waqt li kien *off-duty*, irnexxhielu jaqbad żewġ persuni li kienu għadhom kemm ikkommettew serq mill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann. Din l-azzjoni waslet biex aktar tard, id Dipartiment tal Inves tigazzjoni Kriminali jkun jista' jsolvi sensiela ta' reati konnessi ma' serq minn knejjes f'Malta.

• PC 876 Emanuel Axiaq u PC 288 Patrick Farrugia ngħataw ċertifikat ta' mertu talli fl-24 ta' Mejju, 2012, taw servizz f'waqtu lil żewġ ċittadini Irlandiżi waqt li kienu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u għaldaqstant kabbru b'għemilhom il-fiduċja pubblika li l-Korp tal-Pulizija jgawdi mal-pubbliku in ġenerali.

• PC 199 Mark Muscat irċieva ċertifikat ta' mertu talli fit-2 ta' Lulju 2012, f'Birkirkara, ta assistenza immedjata lill-persuna anzjani li kienet żelqet għall-wiċċha, wassalha sal-eqreb Ċentru tas-Saħħa u baqa' magħha sakemm ingħatat it-trattament mediku.

• PC 986 Paul Spiteri ġie mogħti ċertifikat ta' mertu talli f'Lulju 2012, irnexxhielu jagħraf persuna li kienet għadha kemm ikkommettiet serq ta' *donation cash boxes* mill-Bank of Valletta tar-Rabat, Għawdex, liema persuna aktar tard ġiet mixlija quddiem il-Qrati tal-Maġistrati ta' Għawdex.




• PC 409 Joseph Zarb u PC 681 Noel Muscat ingħataw ċertifikat ta' mertu talli fit-8 ta' Awwissu 2012, f'San Pawl il-Baħar, waqt li kienu xogħol fit-Taqsima tal-Iskwadra Mobbli, irnexxilhom jsalvaw il-ħajja ta' żewġ anzjani wara li r-residenza tagħhom kienet ħadet in-nar.

• Is-Supretendent Stephen Gatt u PC 670 Walter Sheldon ingħataw ċertifikat ta' mertu talli fit-3 ta' Settembru, 2012, f'Santa Venera, waqt maltempata qallila li kienet laħqet lill-Gżejjer Maltin, kienu strumentali sabiex salvaw il-ħajja ta' xufier li l-vettura tiegħu, li kienet nofsha mgħaddsa fl-ilma, kienet qiegħda tinġarr mill-kurrenti qawwija tal-ilmijiet. B'diffikulta' kbira irnexxielhom ukoll jaslu sa vettura oħra li kienet qiegħda tinġarr mill-kurrent. F'dan it-tentattiv, iż-żewġ membri tal-Korp, kif ukoll din il-vettura, inġarru għal distanza twila mill-kurrent. Huma rnexxielhom jgħinu wkoll persuna anzjana Ingliża li kellha diżabbilita' billi ħarġuha mill-vettura u wassluha sa fejn ċint fil-viċin. B'riżultat ta' dan it-tentattiv, il-Kuntistabbli Sheldon kważi ntilef minn sensieh u kellu jittieħed fiċ-Ċentru Tas-Saħħa u aktar tard fl-Isptar Mater Dei fejn inżamm għal xi jiem sabiex jingħata l-kura.

Ingħata ukoll it-trofew għal dak id-Distrett li rnexxielu jnaqqas l-akbar persentaġġ tar-rata ta' kriminalita` meta kkumparata mas-sena ta' qabel. Din is-sena ġew mistiedna s-Supretendenti tad-distretti kollha peress li r-riżultat inżamm mistur. Din is-sena, kien id-Distrett Numru tlieta, immexxi mis-Supretendent Sha-




easisave.com

*Powered by FIMBank*

# Superior Returns

## on euro Fixed Term Deposits

**Minimum Deposit: €1,000**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3 month | 2.70% | 1 year | 3.50% |
| 6 month | 3.00% | 2 year | 4.00% |
| 9 month | 3.15% | 3 year | 4.25% |

*Above interest rates are quoted on a gross per annum basis.*

Easisave Helpdesk: **2132 2102** • **www.easisave.com**

FIMBank p.l.c. is a licensed credit institution in Malta with company registration C17003, is regulated by the Malta Financial Services Authority and listed on the Malta Stock Exchange. The Bank is a participant of the Depositor Compensation Scheme in Malta. Terms and conditions apply.

ron Tanti li rnexxielu jnaqqas ir-rata ta' kriminalita' b'6.96%. Is-Supretendent Sharon Tanti flimkien mal-Ispetturi Francis Micallef, Spiridione Zammit u Jurgen Vella ġew mistiedna sabiex f'isimhom, f'isem is-Surġent-Maġġur, is-Surġenti u l-Kuntistabblijiet kollha stazzjonati f'dan id-Distrett jingħataw is-*Shield* li jinżamm ġewwa d-Distrett għas-sena 2013.

Wara li ngħata dan it-trofew, kien imiss sabiex jinħatar l-uffiċjal tas-sena. Ta' min isemmi li l-uffiċjal tas-sena jiġi magħżul minn bord imwaqqaf apposta li jgħarbel il-lista kollha ta' dawk kollha nominati fosthom dawk li jkunu rċivew ċertifikat ta' mertu jew ta' kommendazzjoni. Kien hawnhekk li ġie mistieden l-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi bħala *Chairperson* tal-Bord tal-Għażla li ta' envelop issiġilat lill-Kummissarju tal-Pulizija li kien fih isem l-uffiċjal tas-sena.

Is-Supretendent Stephen Gatt u PC 970 Walter Sheldon, it-tnejn stazzjonati fl-Għassa ta' San Ġiljan ġew mgħajta sabiex jingħataw it-trofew ta' Uffiċjal tas-Sena 2012. Wara l-applaws li qalgħu għall-att erojku li kienu għamlu kien imiss li jingħataw numru ta' ċertifikati u tifkira lil dawk l-membri tal-Korp li rtiraw mis-servizz is-sena li għaddiet wara li kienu servew fil-Korp għall-ħamsa u għoxrin sena jew aktar.

Iċ-ċerimonja kompliet billi 26 kuntistabbli, fosthom disa' nisa, ġew preżentati b'sett penzijiet hekk kif huma ġew promossi għar-rank ta' Surġent. Il-preżentazzjoni saret mill-Onorevoli Dr Beppe Fenech Adami LLD, Assistent Parlamentari fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Il-Kummissarju tal-Pulizija beda d-diskors tiegħu billi semma` kif din iċ-ċerimonja kienet mżewqa b'bosta attivitajiet, fosthom l-*awards* tal-uffiċjal tas-sena, tal-kompetizzjoni tal-isparar, it-tqassim taċ-ċertifikati ta' mertu u oħrajn.

Is-Sur Rizzo tenna jgħid kif *"once a Policeman always a Policeman"* għalhekk hawn numru ta' Pulizija biex nifirħu u nagħtu lill-awgurju lil xulxin.

Il-Kummissarju ndirizza lis-Surġenti l-ġodda fejn huma ġew imfakkra kif is-Surġent mhuwiex rank ħafif u kif fi żmienu kienu jsejħulu l-*backbone* tal-Korp tal-Pulizija. "illum forsi inbidlu xi ftit iż-żminijiet iżda m'hemmx dubju li għandu importanza kbira. Meta Għassa, diviżjoni, sezzjoni jew branka timxi sew tinduna li għandek Surġent tal-affari tiegħu" kompla jgħid is-Sur Rizzo.

Huwa fakkar kif ir-responsabbilita` ta' kull Kuntistabbli issa inbidlet u għalkemm "issa għandkom in-nies taħtkom tridu taraw li ħaddieħor ma jiżbaljax u għandkom tatu l-għajnuna tagħkom fejn ikun hemm bżonn". Is-Surġent għandu jara li l-għassa hija nadifa, li kulħadd libes sew u li ma jsirx skartar. Is-Surġent m'għandux igħix ħajja ixxellerata għax l-eżempju jkaxkar.

Is-Sur Rizzo tenna l-importanza tal-ġurament li lkoll ħadna fil-bidu tal-karriera tagħna. Huwa saħaq li ma jiswa` xejn li nsolvu *hold-up* jew omiċidju jekk jiġi kwerelant l-Għassa u ma nagħmlux xogħolna sew meta jiġi għal xi rapport żgħir.

Il-Kummissarju fakkar kif Pulizija għandu jkun Pulizija 24 siegħa u semma` kif fil-Qorti, membru tal-Korp instab ħati għax waqt glieda huwa baqa` passiv. Is-Sur Rizzo għalaq id-diskors tiegħu lis-Surġenti l-ġodda billi qalhom li l-Korp fdalhom responsabbilita` kbira, iżda jekk jagħmlu moħħhom hemm huma ser jirnexxilhom.

Kien imiss issa żewġ kelmiet indirrizzati lejn dawk il-Pulizija li ġew ippremjati għal għemilhom.

Fil-kelmtejn tal-okkażjoni, is-Sur Rizzo stqarr li huwa kburi bil-Pulizija speċjalment dawk li b'ħilithom, kemm waqt il-ħin tax-xogħol, kif ukoll waqt li kienu *off-duty* taw l-intervent tagħhom sabiex jew jipprevjenu xi reat jew sabiex jassistu lil xi persuna li tkun tinsab fil-periklu.

Il-Kummissarju tal-Pulizija tenna kemm din iċ-ċerimonja hija għal qalbu peress li meta *niżbaljaw jiġbdulna widnejna għalhekk huwa tajjeb li meta nagħmlu l-pożittiv, dan jiġi apprezzat mis-superjuri tagħna. Din iċ-ċerimonja għandha tkun ta' motivazzjoni għall-Pulizija kollha. Ix-xogħol tal-Pulizija mhuwiex sempliċi xogħol. Ix-xogħol tagħna, l-azzjonijiet tagħna u l-isforz li nagħtu f'xogħlna jsarraf fit-tnaqqis tal-kriminalita` u fil-prevenzjoni ta' reati.* Il-Kummissarju għalaq dan id-diskors billi rringrazzja lill-membri tal-Korp għall-ħidma li jagħmlu matul is-sena.

Wara din iċ-ċerimonja, kien imiss ir-riċeviment li nsibuh bħala dak tal-pensjonanti. Bħal kull sena l-attendenza kienet waħda kbira u ferm impenjattiva għal kolleġi tagħna li huma stazzjonati l-*Other Ranks Canteen*. Infatti dik li kienet il-bitħa u issa saret is-sala San Mikiel, kienet mimlija sew.

Tkellimt ma` uħud minn dawk li ġew mogħtija ċertifikat. Ilkoll kienu jinsabu sodisfatti talli għalkemm kienu qed jagħmlu xogħlhom u li għamlu huwa mistenni mid-doveri tagħhom huma ġew murija apprezzament u lkoll għandhom tifkira li ser tibqa` tfakkarhom fil-ġesti li lkoll għamlu.

roberta.a.grima@gov.mt

# Attivitajiet ta' żmien il-Milied 2012























Bħal kull sena l-Korp tal-Pulizija kien preżenti waqt l-Istrina 2012 sabiex jagħti d-donazzjoni tiegħu lill-*Community Chest Fund.* L-ogħla uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija attendew l-Istrina 2012 fil-Palazz tal-President tal-Verdala sabiex f'isem kull wieħed u waħda minna, mill-iżgħar sal-ogħla rank, tiġi ppreżentata s-somma ta' €5,000. Bil-ftit Ewro li ta kull membru, għaqqadna din is-somma li ġiet mgħoddija lil dawk il-persuni li bħalissa jinsabu aktar fil-bżonn. Inkluż fis-somma hemm ukoll dawk il-flus li ġew miġbura minn diversi attivatijiet oħra li ġew organizzati tul is-sena minn diversi membri tal-Korp.












T: 2338 2338
comments@gssuperstore.com
GS superstore
NAXXAR
better choice, value & more
Carrefour
I love
superstore
GS superstore
Loyalty Club
Free Delivery
offers
service with a smile :)
great savings
fresh
free parking

# Ftuħ ta' żewġ swali fi ħdan it-Taqsima tal-Forensika

minn WPC 176 Sloune Fabri - CMRU

Nhar id-19 ta' Frar 2013, ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija saret inawgurazzjoni ta' żewġ swali fid-Dipartiment tax-Xjenza Forensika . Dawn iż-żewġ swali ġew imsemmija għal żewġ ex-membri tal-Korp tal-Pulizija – PS Saviour Muscat u PC Joseph Hare li fl-1984 kienu tilfu ħajjithom waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Għal din iċ-ċerimonja attendew l-Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo u diversi uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp kif ukoll il-familjari taż-żewġ ex-membri.



Filwaqt li s-Sur John Rizzo rringrazzja lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi taż-żjara li għamel ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, qal li għalkemm il-Korp tal-Pulizija kien diġa` kellu Dipartiment tal-Forensika, issa permezz ta' apparat u sistemi ġodda, dan id-Dipartiment ħa dehra aktar moderna.

Fil-fatt il-Korp investa f'żewġ sistemi ġodda sabiex ikompli jiġġieled il-kriminalita` organizzata u t-terroriżmu. Waħda minn dawn is-sistemi hija l-*Automated Fingerprints Identification System* (AFIS) li ħadet post sistema oħra li kienet ġiet installata fis-sena 2000. Din is-sistema kapaċi tipproċessa u tagħmel komparazzjonijiet bejn impronti diġitali li jinġabru minn fuq ix-xena tad-delitt, ma' marki ta' swaba u marki ta' pali tal-idejn inklużi wkoll ir-*writer's palm* ta' suspettati u individwi ssentenzjati. Sistema ġdida oħra hija dik imsejħa bħala *DNA Database System*. Din is-sistema taħżen fiha profili ġenetiċi ta' materji misjuba minn fuq ix-xena tad-delitt kif ukoll ta' suspettati u nies li ġew issentenzjati. Din is-sistema kapaċi tikkompara dawn il-profili awtomatikament.



F'dawn l-aħħar ġimgħat dan id-Dipartiment għadda minn evalwazzjoni li saret minn tim ta' esperti Franċiżi u Awstrijaċi fejn ir-riżultat kien ta' suċċess. Is-sistemi ġew ukoll ittestjati ma' numru ta' pajjiżi Ewropej u r-riżultati kienu wkoll sodisfaċenti. Is-Sur John Rizzo ħa wkoll l-opportunita` sabiex jirringrazzja lil dawk il-membri kollha li jaħdmu f'dan





id-Dipartiment tax-xogħol li jagħmlu, u għalkemm minn wara l-kwinti, sabiex kisbu dan ir-riżultat daqshekk pożittiv.



L-Onorevoli Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, fid-diskors tiegħu irrefera għall-Korp tal-Pulizija u qal li huwa ta' pjaċir għalih meta jżur xi istituzzjoni nazzjonali li għandha funzjoni ta' importanza għaċ-ċittadini ta' pajjiżna. Huwa stqarr li huwa importanti li f'pajjiżna jkollna s-serenita` u li l-forzi tal-ordni għandhom l-għodda kollha neċessarji sabiex jaħdmu u jkunu effettivi fil-ġlieda kontra kull forma ta' kriminalita`.

Il-Prim Ministru qal ukoll li dan l-investiment, ta' iktar minn żewġ miljun Ewro u li sar bis-saħħa ta' fondi mill-Unjoni Ewropea, ser jgħinu lill-Korp tal-Pulizija biex ikun iktar effettiv fir-riżultati tiegħu kontra l-kriminalita` għal ġid ta' pajjiżna.




Dr Gonzi rringrazzja lill-istaff kollu ta' dan id-dipartiment għax-xogħol tagħhom li jsir fil-laboratorju b'dedikazzjoni, u f'kumment li jispikka qal li dawn in-nies jaħdmu mingħajr ħafna daqq ta' trombi u li ħafna drabi l-mertu jieħdu ħaddieħor meta jinqabad xi kriminal.

Huwa żied jgħid li dan l-investiment jixhed l-impenn u d-determinazzjoni tal-Korp tal-Pulizija mill-Kummissarju 'l isfel sabiex inkunu Korp tal-Pulizija serju u effiċjenti li jaqdi l-funzjoni tiegħu bl-aħjar mod possibbli.

sloune.fabri@gov.mt




CARUANA CONSTRACTIVE CO. LTD.
WE BUILD YOUR FUTURE
BUILDING & TURNKEY
CONSTRUCTION
CRANE HIRE SERVICE
DIRECTOR: PETER CARUANA
13, TRIQ TAL-WEJ, MOSTA MST 2464
TEL: 21423851 - FAX: 21 424292
MOB: 7942 8465
E-MAIL: CACTIVE@GO.NET.MT
WWW.CONSTRACTIVE.COM
ISUZU
LEYLAND

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet tal-Pulizija

Commissioner of Police
Police Headquarters
Floriana

29 January, 2013

Dear Sir,

Last Saturday 26th/Sunday 27th January our 17 year old daughter did not return home after going out with her friends. She sent us a text message during the night saying she was sorry for letting us down and after trying to call her on her mobile a number of times we went to Savoy Police Station in a panic state because a couple of days earlier she had lost her pendrive with all her A level notes and she had been really upset since. The worst thoughts came to mind.

The team on duty namely, Inspector J.F. Sultana, PS 65 Noel Said, PC 516 John Pizzuto, PC 24 Josef Galea, PC 377 William Dalli, PC 1301 Christian Bonello and PC 302 Brian Alken were on duty at the said Police Station at the time. We were both in shock and had no idea what to do however they were extremely professional and very understanding and caring at the same time. They managed to trace her friends and to eventually find out that a group of friends had had too much to drink and had rented an apartment not wanting to return home in such a state.

Although we have thanked the team on duty personally for acting so professionally on what has been the worst night of our lives we thought it would be most appropriate to inform you of this and to let you know we will always be grateful for their help.

Yours sincerely,

---

## We value your comments.

I left my passport on a flight, and called the information desk not expecting anyon to answer, especially at midnight. But they did! And they put me through to immigration, who had my passport. I was so relieved you can't imagine. Thank you so much for answering that phone, every other airport lost + found experience has been a disaster!

PLEASE WRITE IN BLOCK LETTERS

Name

Address

Telephone

E-mail

Flight

Time

Date

Thank you for sparing some of your time to complete this ... comments will help us in our commitment to provide an ... service. We hope to welcome you again at Malta International ...

Kindly return this form to the appropriate boxes provided ...

Malta International Ai...
Luqa LQA 4000, Malta
Tel: +356 2124 9600
Fax: +356 2124 956...
E-mail: info@maltairp...
www.maltairport.com

---

FONDAZZJONI ARKA

3 ta' Dicembru 2012

Il-Kummissarju tal-Pulizija
Is-Sur John Rizzo
Police Headquarters
Floriana

Ghaziz Kummissarju

Mons Emanuel Curmi u l-Kumitat tal-Fondazzjoni Arka jirringrazzjaw lilek u lill-membri tal-Korp tal-Pulizija tal-attivita tal-1 ta' Dicembru, 2012. Il-persuni b'dizabilita' hadu pjacir immens u apprezzaw l-attenzjoni specjali li l-membri tal-korp tawhom. Uhud rikbu fuq iz-ziemel, ohrajn fuq il-mutur u l-karozza u apprezzwa ix-'show' tal-klieb. Tant hadu pjacir li kulhadd sthajjilhom qeghdin fil-genna ta' l-art bil-ferh.

Grazzi mill-gdid, il-Mulej ibierek lilek u lil-Korp kollu li tant tahdmu u taghmlu xoghol ghal Malta taghna u ibqa cert li ma' l-angli taghna, nitolbu hafna ghalik u ghal familja tieghek.

Nsellu hafna ghalik u minn qalbna nixtiequlek il-Milied it-tajjeb.

Mons Emanuel Curmi
Direttur

Grazzi

Grazzi minghand claude

Hadt gost hafna Thank you

... Respite Care Centre for people with special needs

'Dar Arka', Triq il-Maghdija, Xaghra, GSM 1071 Ghawdex, Malta.
Tel: +356 21 565773/4, 21 550596
arka@maltanet.net

---

***Sur Kummissarju,***

Grazzi tal-ghajnuna li sibna minghandek waqt il-Kampanja ta' Radju RTK b'rizq id-Dar tal-Providenza, li lahhqet il-qofol taghha fl-1 ta' Jannar 2013. Nistghu nghidu li din is-sena ic-cifra kienet wahda rekord – ghax qabzet il-miljun ewro. Zgur li din ic-cifra se tkompli ttaffi xi ftit mill-ispejjez li jkollha d-Dar matul is-sena.

Grazzi lit-taqsimiet kollha li ghenuna sabiex l-attivita' jkollha success mixtieq.

Nawgura lilek u lill-istaff kollu, il-kumplament tas-sena mimlija paci u sliem.

Inselli ghalik.

***Tonio***

---

Malta International Airport plc
Luqa LQA 4000, Malta

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

Tel: +356 2124 9600
Fax: +356 2124 9563
E-mail: info@maltairport.com
www.maltairport.com

14th January 2013

Mr Andrew Seychell
Assistant Commissioner
Malta Police Force
Police General Headquarters
Floriana

Dear Mr Seychell,

We would like to express our gratitude for the collaboration you and your Department afforded us for the organisation of the Airport Shopping Day on Thursday 13th December.

Your personal intervention was crucial for the success of this event. The positive attitude shown by the Immigration personnel is a credit to you and augurs well for a close and fruitful collaboration between our two organisations.

We take this opportunity to wish you all the best for 2013 and I look forward to meeting you in the very near future.

Yours sincerely,

Markus Klaushofer
Chief Executive Officer

c.c. Patrick Cuschieri – Head, Security, Fire & Rescue

---

Śir,
Further to our recent telephone conversation I am writing to thank you for the conduct of the police force over the last fortnight following my uncle's demise.
Truly, the Force did Malta proud!
I also very much wish to thank PC452 Robert Mercieca. I believe that you assigning him to Uncle Dom does you much credit as it was, in my opinion, a perfect match.
I know beyond any shadow of doubt that PC Mercieca's work with my uncle went way, way, way beyond the call of duty and for this he has my many thanks.
Finally, I thank you for the opportunity that you have given me to express my appreciation to all concerned.
Yours faithfully,
Ivan Grech Mintoff


Bond's
Clever Designs in Kitchens and Homes...
INFINITE CHOICE OF
COLOURS & DESIGNS ON
KITCHENS & BEDROOMS


Opening Hour
Mondays to Fridays : 09.00 - 12.3
: 14.30 - 18.3
Saturdays : 09.00 - 12.3
Bond House, Notabile Road, Attard ATD 9039
Tel: 21 436 405/7 Fax: 21 436 360
E-mail: info@bondsmalta.com www.bondsmalta.com

# Mill-Kavallerija tal-Pulizija

mill-Ispettur Alexander Millo - SAG

Is-Sezzjoni tal-Kavallerija tal-Korp tal-Pulizija kienet waħda mill-ewwel sezzjonijiet li ġiet imwaqqfa fi ħdan il-Korp. Hija bdiet topera fl-1860 minn ġewwa l-ewwel stalel li kellu l-Korp fi Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta, fejn dak iż-żmien il-kavallerija kellha biss sitt iżwiemel. L-ewwel inkarigu li kellhom il-Pulizija stazzjonati hemm kien li jagħmlu ronda madwar il-Belt u li jġorru twiebet għall-familji li ma kienux jifilħu jħallsu għall-funeral.



Kmieni fis-snin tas-seklu 'l ieħor, is-Sezzjoni tal-Kavallerija ġiet trasferita għal fejn illum hemm Dar il-Mediterran. Fl-1940 din is-sezzjoni ġiet trasferita mill-ġdid għall-istalel tal-Marsa, fejn għadha hemm sal-ġurnata tal-lum. Dak iż-żmien il-post kien propjeta' tal-armata Ingliża. Fi żmien il-Gwerra, fl-1945, l-istalel tal-Marsa intlaqtu minn bomba, b'konsegwenza li tilfu ħajjithom Pulizija u żiemel. Wara dan l-inċident, is-sezzjoni kella terġa` tibdel il-kwartieri tagħha. Din id-darba kellha tinqasam fi tnejn, fejn parti marret Ħal Qormi u parti oħra r-Rabat. Wara l-Gwerra l-Kavallerija reġgħet lura għall-istalel tal-Marsa. Għalhekk wieħed jifhem li l-kwartieri tal-Kavallerija għandu storja kbira, u l-Korp dejjem ra kif iżomm dan il-post fl-aħjar stat possibli sabiex ikun preservat il-valur storiku tiegħu.



Bħalissa l-kavallerija għandha 19-il żiemel b'kollox, fejn 3 minnhom huma rtirati minħabba l-eta' li għandhom. Żwiemel irtirati mis-servizz xorta jinżammu mill-Korp u jibqgħu jiġu mħarsa mill-uffiċjali ta' din is-Sezzjoni. Iż-żwiemel tal-kavallerija jinġiebu minn *breeders* Franċiżi, Ungeriżi u Taljani. Is-sezzjoni hi magħmula minn 15-il Kuntistabbli, Surġent u Surġent-Maġġur.











Bħal ma jsir kull ċertu żmien, sabiex il-kwartieri tal-kavallerija jibqgħu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, dan l-aħħar saru xi xogħlijiet biex itejbu kemm id-dehra kif ukoll l-indafa tal-post. Il-post ilu jintuża mill-Korp sa mill-1940, għalhekk wieħed jifhem li l-post jirrikjedi manutenzjoni qawwija. Il-Korp dejjem ħa ħsieb li jżomm il-post fl-aħjar stat.

• Tpoġġew 20 *pest control traps* kemm ġol-istalel kif ukoll mal-madwar. Dawn jiġu spezzjonati regolarment minn nies tekniċi u jitpoġġilhom valenu frisk kull darba.

• Inxtrat *power washer* professjonali sabiex jiffaċilita l-ħasil tal-istalel u ż-żona tal-madwar. L-indafa fl-istalel hija importanti ħafna u l-uffiċjali tal-kavallerija dejjem jagħtuha importanza. L-istalel jiġu mnadfa kuljum.

• Tpoġġiet art ġdida fi żona tal-għalf.

• Saru xogħolijiet ta' tibjid u kisi mal-kwartieri kollha speċjalment fl-istallel u l-maħzen tas-silla, fejn ġie ukoll mwaħħal bieb ġdid.

• Sar xogħol ukoll fil-faċċata tal-post.

• Peress li l-post hu wieħed antik, din id-darba kien hemm bżonn jinbidlu xi xorok kemm fis-sular t'isfel, kif ukoll fis-sular ta' fuq.

• Servizzi sanitarji ġew mibdula kollha.

• Ġiet imqiegħda kċina ġdida.

• Is-sistema elettrika tal-post ġiet mibdula għal waħda moderna

• Ġie rranġat il-bieb prinċipali tal-istalel

• Sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bejt tal-post, fosthom tpoġġa membrane u ngħatat żebgħa speċjali.

• Sar xogħol ġewwa l-*paddock* u l-ġnien li jinsab fuq wara tal-kwartieri, fosthom tpoġġa reċint ġdid

Il-Korp tal-Pulizija dejjem poġġa l-indafa u s-saħħa taż-żwiemel fuq nett fil-lista tal-prijoritajiet tiegħu. Iż-żwiemel jiġu eżaminati minn veterinarju ta' spiss sabiex ikun żgurat li huma b'saħħithom u fl-aqwa forma tagħhom biex jintużaw fil-qadi tad-dmirijiet tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

alexander.millo@gov.mt

SPILLERS

KRAFFT

Connolly's
RED MILLS®
SINCE 1908

Trade Enquiries:
Tel: 2701 3870
Mob: 9980 3870

Apollo




Super Premium
Quality Complete
Adult Pet Food

Collect top flap and exchange for gifts at:
CD Gift Scheme Centre, Vincenti Buildings,
15/2 Strait Street, Valletta. Tel: 2123 6629.
Trade Enquiries: Tel: 2146 0375

CD
GIFT SCHEME
A BETTER WAY TO SAVE



· PISCOPO GARDENS ·

EDIBLE FLOWERS WEEKEND

PISCOPO · TASTE & DISCOVER · PISCOPO · TASTE & DISCOVER · PISCOPO · TASTE & DISCOVER ·
COME & TASTE DELICIOUS FOOD COOKED BY OUR CHEF USING A SELECTION OF OUR FRESH FLOWERS

20th & 21st April 2013

piscopogardens.com • info@piscopogardens.com • 21583755 • Burmarrad

# Manutenzjoni fl-Għassa tal-Imsida

minn WPC 176 Sloune Fabri - CMRU

Ftit ilu, kienet inħasset il-ħtieġa li fl-Għassa tal-Imsida kellu jsir xi xogħlijiet ta' tisbiħ u manutenzjoni. Fost ħafna xogħol li sar kien hemm tikħil, tibjid u kif ukoll rimi ta' oġġetti bla valur u mingħajr użu.



Minkejja li twettaq dan ix-xogħol kollu, xorta waħda se jkun hemm il-ħtieġa li iktar 'il quddiem jerġa' jsir xi xogħol ieħor simili minħabba li l-ġebla tal-binja hija waħda mielħa u għalhekk tirrikjedi ħafna manutenzjoni ta' spiss.

Irid jingħad li xogħol hekk isir sabiex kemm il-persuni li jaħdmu ġewwa l-Għassa tal-Imsida kif ukoll dawk il-persuni li jmorru hemmhekk għal xi raġuni jew oħra, ikollhom ambjent iktar pjaċevoli u li jilqak.

sloune.fabri@gov.mt








Mosta Auto Dealer
(est. 1969)
U.K IMPORTS ARE AVAILABLE
ON ORDER TO YOUR REQUEST!
PART EXCHANGE + HIRE PURCHASE TERMS ACCEPTED,
QUALITY OF THE VEHICLE 100% GUARANTEED!
ALL U.K IMPORTS COME WITH A CLEAR HPI CERTIFICATE, FULL SERVICE HISTORY AND ARE PROFESSIONALLY INSPECTED BEFORE THEY ARE CONSIGNED TO MALTA
MOSTA AUTO DEALER - CONSTITUTION STREET - MOSTA - MST9054
FOR MORE INFO CALL US ON
+356 21433255, +356 21431825 OR +356 79492974
WWW.MOSTAAUTODEALER.COM | INFO@MOSTAAUTODEALER.COM


ATTRANS
ESTABLISHED 1976
• Weekly groupage trailer departures ex all major destinations in Europe
• Refrigerated and Temperature Controlled Transport
• Mega Volume Trailers
• Full Container Service
• Project Cargo
• Car Transportation from the U.K.
Groupage & Full Load Trailer Service To & From Europe
Attrans Limited
Attrans Depot, Mdina Road, Zebbug ZBG 9018
Tel: 2258 5500.Fax: 2146 5675
E-mail: info@attrans.com
Website: www.attrans.com


FALZON
Group of Companies
REFUEL ON SITE.
WHENEVER.
WHEREVER.
42, Spencer Hill, Marsa, MRS1955
T: [+356] 2149 1026 / [+356] 2149 6077
F: [+356] 2144 6508
E: info@falzongroup.com
www.falzongroup.com
www.falzongroup.com

# Mill-Isfont sa mat-Tieni Ċentinarju

mis-Surġent-Maġġur Joseph Borg – Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

Fi ftit taż-żmien ieħor ser jiġi mmarkat ukoll għar-rikordju tal-istorja, it-Tieni Ċentinarju mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta; li wkoll kien konċidentalment twaqqaf fost l-ewlenin Korpi tal-pulizija li kienu qed jitwaqqfu f'dawk iż-żminijiet.

Dokumentazzjoni li għandna priservata tajjeb ġewwa l-mużew tal-Korp jiddiskrivu kif kien twaqqaf il-Korp, minn min u x'kien l-iskop li għalih twaqqaf.

Il-kelma 'Pulizija' li ntużat tista' tgħid madwar id-dinja kollha; għalkemm taħt forom lingwistiċi differenti, jikkonnotaw mill-istess etimoloġija tal-kelma li ġejja mill-Grieg 'Politeia' – il-ħidma u l-qadi għall-ħtiġijiet tal-poplu; b'xebħ ukoll malkelma 'Polis' – l-istat ta' Belt fejn il-bniedem jgħix f'ordni ċivili kif nifhmu bija llum. Mill-istess prinċipju tikkonnota wkoll il-kelma li nużaw għal politika u l-politikant – il-ġid lejn dak li hu sudditu minn min għandu xi forma ta' poter, sew morali u materjali.

Il-Griegi u r-Rumani kienu minn tal-ewwel fiċ-ċivilazazzjoni li għamlu l-liġijiet għaż-żamma tal-ordni, li l-mudell tagħhom sewa għal diversi ġnus, fosthom pajjiżna.

**Il-Ħidma fiż-żamma tal-Ordni minn żminijiet Primittivi**

Meta minn żminijiet fejn ma kienx hemm liġijiet miktuba, xorta waħda l-bniedem minnu nnifsu kien josserva ċertu regoli bbażati fuq il-liġi naturali li tinsab ġewwa fih; minn natura tiegħu stess (loġika). Iżda l-liġijiet ma jkunu jiswew għal xejn la darba ma jkunx hawn min jara li jiġu osservati.

F'Malta wkoll insibu li kien hawn xi forom ta' awtorita' għal ħarsien tal-bon ordni.

Fi żmien il-ħakma Għarbija (sena 870 'l quddiem) nsibu li kien ġa hawn min jieħu ħsieb l-ordni u d-dixxiplina msejħa s-'Sahib El-Xurta'; żmien l-Aragoniżi (sena 1283 'l quddiem) kienu taħt il-kmant il-'kapitano Della Verga'; warajhom il-Korp tad-Dejma, li għalkemm kien Korp Militari, b'difiża għal gżejjer tagħna, kellhom ukoll ir-responsabilita' mill-ordni nterna. Żmien il-Kavallieri (sena 1530 'l quddiem) kienu taħt it-tmexxija tal-kap tal-Ġustizzja – il-'Gran Visconte' u li kienu magħrufin bħala 'Cursores'. Meta bdew jinħatru s-Sindki tal-irħula fl-1735; is-Sindku tal-belt jew raħal kellu wkoll r-responsabilita' mill-bon ordni tal-post fejn kien ikun inħatar. Dan kien jagħżel u jżomm xi erbat irġiel mill-milizzja tiegħu jew battaljun, jeżenthom milli jagħmlu xogħol militari sabiex jgħinuh f'dan il-qasam. Meta kien jiġi arrestat xi ħadd, kienu jżommu lil din il-persuna f'ċella, li kien ikollu s-sindku fil-periferija tad-dar tiegħu.



Żmien l-Ingliżi (sena 1800 'l quddiem), l-għassiesa, gwardjani jew pulizija seta' kellhom xi tip ta' uniformi, għax bħal ma għidna kienu jkunu ġejjin minn taħt xi dixxiplina militari; għalhekk l-uniformi tagħhom kienet tvarja skont il-ħakma jew entita' li tkun ħadet dan l-inkarigu. Dan jiġi osservat ukoll minn inċiżjonijiet jew tpinġijiet antiki tal-uniformijiet Maltin. Pero' fl-1833 kienet diġa' teżisti forma ta' uniformi uffiċjali assimilata ma' dik li baqgħet tiġi żviluppata sa llum; dan joħroġ minn xi dokumenti li kienu saru sabiex jiġu ordnati l-uniformijiet għall-ewwel darba.

**Ir-Riforma dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja**

Sa l-ewwel snin mill-ħakma Ingliża f'Malta il-qasam tal-Ġustizzja kien mifrux bejn diversi awtoritajiet bħal ngħidu aħna l-Kastellan, il-President tal-Ġustizzja, il-Kaptan tal-Virga, il-Ħakem tal-Belt, l-Imħallef tal-Qorti Kriminali, l-Maġistrat tal-Pulizija, l-Avukat Fiskal u xi awtoritajiet oħra, li kollha kienu jeżiġu skont l-operat partikulari tagħhom. Iżda kien qed jiġi osservat li bejniethom kienu qed jinqalgħu diversi kwistjonijiet minħabba ġurisdizzjonijiet u nteressi ġuridiċi oħra. Sabiex jiġi evitat dan kollu u fl-istess ħin isseħħ ir-riforma li kienet meħtieġa; l-ewwel gvernatur li ħatru l-Ingliżi għal Malta, Sir Thomas Maitland kien ħareġ proklama numru XXII (22) datata l-1 ta' Lulju tal-1814 fejn bażikament ordnat li b'seħħ mit-12 ta' Lulju tal-1814 dawk kollha li kellhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni tal-Ġustizzja kellhom jispiċċaw u mit-12 ta' Lulju 'l hemm il-pulizija ta' Malta kellha tkun imwaqqfa f'żewġ dipartimenti, wieħed jissejjaħ bħala l-Pulizija Eżekuttiva u l-ieħor distint minnu tal-Ġustizzja. Bissaħħa ta' din l-ordni li mbagħad daħlet ukoll fl-ordinanza ma baqgħetx amministrazzjoni waħda – Dan ġab riforma minħabba li sa dak iż-żmien il-pulizija kienet tarresta, tinvestiga u saħansitra tiġġudika hi stess. L-arrest ma' din ir-riforma beda jiġi limitat għal tmienja u erbgħin (48) siegħa u mhux kemm kien jidhrilha hi. Ried li jkun hawn distinzjoni bejn it-tlett setgħat; bejn dawk li jagħmlu l-liġijiet; dawk li jaraw li l-liġijiet ma jinkisrux u dawk li jiġġudikaw lil min jik-

ser il-liġi – magħha ngħataw diversi dmirijiet oħra ġodda fosthom li jissorveljaw ħwienet tax-xorb u lukandi; jispezzjonaw sidien taż-żwiemel, kallessi, karettuni u dgħajjes; kif ukoll id-dħul u ħruġ ta' nies barranin li kienu jżuru l-gżejjer Maltin, fost dmirijiet oħra.

Ta' min jinnota wkoll li bis-saħħa ta' din l-istess proklama, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta jitqies bħala l-eqdem Korp ta' Pulizija mwaqqaf b'kostituzzjoni madwar il-kontinent.

**L-Ewwel Kmandant tal-Korp**



Il-Konti Kurunell Francesco Rivalora (1813 – 1822)

Il-kmandant f'din l-istess proklama kien indikat bħala l-Ispettur Ġenerali l-Konti Kurunell Francesco Rivalora (1813 – 1822) li kien minn Korsika, il-gżira ċkejkna fit-territorju Franċiż. Il-Konti Rivalora kien fizjal rispettat u fdat f'missjonijiet importanti – kien ukoll diġa' kmandant ta' riġment ibbażat ġewwa Malta, meta l-Kummissarju Ċivili l-Kurunell Sir Hildebrant Oakes (1810 – 1813) ħass li dawk li kienu jservu ta' Pulizija sa dak iż-żmien; minħabba l-kjass li kien ġie fih pajjiżna bl-epidemija tal-pesta (li kienet reġgħet ġaret pajjiżna fl-1813 – minħabba bastiment li kien ġie minn Lixandra u daħal fil-port b'nies u xi merkanzija nfettati bl-imxijja tal-pesta), issa kellhom bżonn li jiġu aktar organizzati. Għalhekk f'Mejju tal-1813 kien ħatar lil Francesco Rivalora bħala l-Ispettur Ġenerali tal-Pulizija, sabiex imexxi lil dawn il-gwardji urbani – din kellha tkun xi ħaġa fuq bażi temporanja. Kienu nħarġu wkoll sett ta' regoli permezz ta' proklama datata 18 ta' Awwissu 1813, mill-istess Rivalora dwar l-indafa, b'mod ġenerali, il-ġarr taż-żibel minn post għal ieħor, il-mod ta' kif kellhom jiġu preparati l-annimali qabel jiġu kkunsmati għall-ikel, kwarantina u oħrajn.

**Il-membri tal-bidu u l-Uffiċini li bdew joperaw minnhom**

L-ewwel membri minn wara r-riforma ma kienux jilbsu uniformi – Dawn kienu jintgħarfu li huma nies tal-liġi jew Pulizija bix-xabla, il-lembuba u l-pistola li kienu jingħataw sabiex iġorru fuqhom. L-uniformi daħlet xi snin wara kif ġa għidt, lejn is-sena 1833. It-tul mitlub sabiex wieħed kien ikun jista' jingaġġa ruħu fil-korp kien ta' ħames piedi u ħames pulzieri l-inqas. Fl-1824 il-korp kellu fi ħdanu mal-200 membru, f'popolazzjoni ta' mija u sbatax – il elf. L-ewwel uffiċċju tal-pulizija kien fil-Belt u kien jissejjaħ l-Uffiċċju tal-Ispettur Ġenerali; il-klistanija fi Strada Merkanti (is-Sanita') l-istess bini fejn kien jinsab il-Gran Viscont, inkarigat mill-Qorti u l-ħabs fi żmien il-Kavallieri. Fl-1872 l-Uffiċċju Ċentrali tal-Pulizija għax hekk kien beda jissejjaħ kien mar f'numru 152, fi triq id-Dejqa l-Belt stess. Dan il-bini kien waqa' fi żmien il-gwerra fl-1941. Fi żmien il-Kummissarju Claude Duncan fl-1917; l-ewwel darba li minn grad ta' Supretendent (bħala l-ogħla grad), il-kmandant tal-pulizija beda jissejjaħ Kummissarju, ried li l-pulizija tmur fil-palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu. Waħda mir-raġunijiet kienet li taħt dan il-palazz jinsabu diversi ċellel użati fi żmien l-istess inkiżizzjoni. Iżda wara, fl-1919 fi żmien il-Kummissarju Kurunell Henry Bamford il-pulizija marret fis-Sagra Infermerija (Dar il-Mediterran għall-Konferenzi), li minn hawn għall-ewwel darba kien beda jissejjaħ id-Depot tal-Pulizija u wkoll bħala l-ewwel kwartieri. Iżda fl-1941 waqt li kienet bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija, minħabba raġunijiet ovji u dawk strateġiċi, peress li l-post huwa daqshekk viċin mal-Port il-Kbir u għalhekk kien jinsab f'periklu kontinwu, il-kwartieri kien mar temporanjament ġewwa l-Istitut tal-Markiż Vincenzo Bugeja, fi Fleur De Lys; fejn minn hemm imbagħad fil-5 ta' Marzu 1954, kien ġarr lejn fejn kien l-Isptar Ċentrali ta' Malta, fil-Furjana - iż-żmien li kien qed jitlesta l-Isptar San Luqa u eventwalment kien qed jinġarr l-apparat sabiex jibda jopera minn hemm. Minn naħa l oħra l pulizija bdew iġorru wkoll mill-Konservatorju ta' Bugeja lejn fejn għadhom immexxu l-operat tagħhom sa llum-il ġurnata.



Sir Thomas Maitland



Kurunell Henry Bamford

F'edizzjoni oħra ser nitrattaw dover li bdew jingħataw lill-pulizija matul iż-żmien, li llum-il ġurnata spiċċaw, it-taqsimiet li bdew jitwaqqfu ma' xi żviluppi li bdew iseħħu u kurżitajiet interessanti oħra.

joseph.q.borg@gov.mt



Strawberry
Lemon
Cola
Orange
Ice Lolly
Exotic Blue
Bacio
White
maXus
Vanilla Chocolate Nuts
ChocoToco
Nocciola
Dual Choc
Cooky
Classic
Vanilla Chocolate
Kalippo
Slice
Vanilla Chocolate
Vanilla Strawberry
Lemon
Orange
Vanilla
Gelati Mezzan
Spoilt for choice
Chocolate
Cornet
Granita
Cola
Orzata
Piccolino
Bubble Gum
Nicker Bocker
Zuppa Inglese
New
Zero
QASSATA
11 Flavours
QASSATA
Double Zero
Trade Enquiries Tel: 21556695




Quibbles
Fussy about nibbles
REDOCTOBER
COMPANY LIMITED
Trade Enquiries Malta Tel: 2147 0400
Email: carlosc@redoct.net
Gozo - The Liquer Shop - Tel: 21556531
Email: info@wisto.com.mt




DAVID'S
BAKERY
GOZO
EXPERIENCED CREATORS AND BAKERS OF
TRADITIONAL MALTESE BREAD, HERBED BREAD, HEALTHY SLICED BREAD,
PASTRY PRODUCTS AND CONFECTIONERY.
We cater for parties & special occasions
For enquiries call (+356) 21 555 655
or email davidmercieca@onvol.net

# Is-Serqa mill-Knisja tal-Kunvent ta' Santa Tereża f'Bormla

Mis-Sur Eddie Attard

'Kien il-Ħamis, 19 ta' Ottubru tas-sena 1837 – il-ħames jum fl-Ottava li kienet issir wara l-festa tas-Serafika u Glorjuża Omm tal-Karmelitani Riformati, Santa Tereża ta' Ġesù, li l-Karmelitani Skalzi jiċċelebraw bil-kbir fil-belt Cospicua, magħrufa aktar bħala Bormla. U kellu jkun dan il-jum li jinżel bħala wieħed li ma jintesa` qatt fl-istorja ta' Malta.

'Dik il-ħabta kien għadha kemm battiet il-marda qerrieda tal-kolera li kienet ħakmet sew fuq il-popolazzjoni ta' din il-belt, l-aktar waħda popolata wara l-Belt Valletta. Filfatt, il-jum ta' qabel, Mons. Arċisqof u Isqof ta' Malta, Dun Franġisk Saver Caruana, ragħaj tad-Djoċesi, kien bgħatt ċirkulari li fiha ordna li jsir ringrazzjament għall-waqfien tal-imxija ta' dan il-flaġell krudil u qerriedi, nhar it-Tnejn ta' wara, it-23 tal-istess xahar. Kienu s-6.00 ta' filgħodu (il-Ħamis), meta l-Wisq Reverendu Patri Teodosju, wara talba minn xi fidili li kienu f'din il-knisja biex jitqarbnu, tela' fuq l-artal maġġur, u wara t-talb tas-soltu li sar minn Fra Natale tal-Bambin Ġesù quddiem it-tabernaklu li fih jinżamm is-Santissimu Sagrament, neħħa minn quddiem il-bieba tat-tabernaklu l-Kartella tal-Glorja, u minnufih intebaħ li l-bieba kienet sgassata.'

Hekk jibda r-rakkont bit-Taljan 'Furto Sacrilego della Sacra Pisside di Santa Teresa nel dì 19 Ottobre 1837', miktub ftit jiem wara dan l-inċident, mill-magħruf Dott. Dun Ludovico Mifsud Tommasi li ġabar it-tagħrif dwar is-serqa mingħand il-patrijiet li kellhom sehem fl-istorja li żviluppat wara.

Hekk kif Patri Teodosju fetaħ il-bieba, sab li l-pissidi ma kienx hemm. Il-fatt li kien hemm l-isgass kien jindika li l-pissidi kien insteraq. Meta dan is-sagrileġġ sar magħruf min-nies tal-lokal bdiet tiġri l-aħbar li 'Serqu lis-Sinjur'. M'hemmx għalfejn jingħad li dan ir-reat kien ġab niket, tkexkix, u saħansitra twerwir fost il-poplu Malti.

Bħala tpattija għal dan is-sagrileġġ, l-Isqof kien ordna li jsir Tridu fil-knejjes kollha tad-Djoċesi bl-espożizzjoni tas-Santissimu Sagrament.

Mal-aħbar tas-serqa kienet saret tfittxija kemm fil-knisja kif ukoll fl-inħawi ta' madwarha biex forsi jinsab il-pissidi. Imma kulma nstab kienu biss il-kexxun tar-ramm li kien parti mit-tabernaklu, berrina, u żewġ imsiemer mgħawġin. Dawn kienu moħbija taħt il-bradella tal-artal ta' Sant'Anna, fl-aħħar kappella tan-naħa tal-lemin kif tidħol fil-knisja. Din it-tfittxija kienet saret fuq ordni tal-Isqof li wkoll ordna li l-artal kellu jitgħatta bħala sinjal ta' luttu u jitgħatta wkoll il-kwadru tat-titular.

Sar ukoll appell għat-talb bħala tpattija għal dan is-sagrileġġ u l-Ostji ġodda kkonsagrati kellhom jitpoġġew fl-artal tal-kappella ta' San Ġwann tas-Salib.

Il-pulizija ssuspettat li l-pissidi kien insteraq minn xi ħadd li kien daħal fil-knisja fil-ġurnata ta' qabel, baqa' mistoħbi hemm matul il-lejl, u ħarab bil-pissidi hekk kif infetħet il-knisja l-għada filgħodu – dakinhar li ntebaħ bis-serqa Patri Teodosju.

L-għada ta' din is-serqa, raġel mar għand l-arġentier Grezzju Zammit, fil-Belt Valletta u filwaqt li ħareġ salib tal-fidda, staqsa kemm kien jiswa`. Talab biex jiragħnu għal skud (munita ta' dak iż-żmien), jew ibigħu. Imma l-arġentier induna li dak is-salib kien tqaċċat minn x'imkien u, konxju mis-serqa tal-pissidi ta' Bormla, qal lir-raġel li jkun aħjar li jmorru għand il-konslu tad-deheb u l-fidda biex jagħtihom stima tajba tiegħu, hu. Għalkemm ir-raġel deher li aċċetta dan is-suġġeriment u ż-żewġt irġiel bdew mixjin lejn l-uffiċċju tal-konslu, li kien ftit 'il bogħod, ir-raġel 'tas-salib' issuspetta li kienet se tissejjaħ il-pulizija, kif filfatt sar, u ħarab.

Mid-deskrizzjoni li ta l-arġentier lill-pulizija, ma damx ma sar magħruf li r-raġel kien ċertu Pawlu Galea, mill-Mosta u joqgħod Bormla. Wara tfittxija għalih dan instab fil-knisja ta' Santa Skolastika tal-Birgu fejn kienet qiegħda ssir ċerimonja ta' vestizzjoni ta' soru.

Mitlub jgħid mnejn kien ġab dak is-salib, Galea qal li kien sabu. Qal ukoll li fil-ħin li twettqet is-serqa tal-pissidi hu seta' jipprova li kien f'post ieħor. Sadanittant kien ikkonfermat li s-salib kien dak tal-għatu tal-pissidi misruq. Wara tfittxija li saret fid-dar ta' Galea, kien instab ġlekk bl-inforra ta' komma mqattgħa. Meta aktar tard instab il-pissidi, dan kien imgeżwer f'biċċa drapp li kienet taqbel

ma' din l-inforra tal-ġlekk. Fid-dar instab ukoll spag bħal dak li nstab mal-pissidi.

Dwar is-sejba tal-pissidi se nislet minn dak li oriġinarjament kiteb Dun Ludovico Mifsud Tommasi, u nqaleb għall-Malti minn Ġużè Marija Borg fl-1933: 'Iżda billi l-għoġbijiet tad-Divin ħanin jidhru kull ħin u juru l-kobor tiegħu, ġara li f'dak il-jum stess – nhar il-21 ta' Ottubru 1837 – xi ftit sigħat biss wara li nbeda t-talb, Franġisk Saverju Mercieca, minn Bormla, raġel ta' għemil liema bħalu u ħanin, għażeb ta' 49 sena, li kellu żewġ ħutu saċerdoti, wieħed Dun Rużar li kien viċi-kurat tal-parroċċa ta' Bormla, u l-ieħor il-Karmelitan Patri Teodosju tal-Kunċizzjoni, li nduna bis-serqa, ġieh ħsieb dwar fejn jista' jkun moħbi t-Teżor Divin. Huwa ħaseb biex jibda jfittex għall-pissidi, b'xewqa kbira li jsibu, kif kien wera ma' kulħadd l-aktar ma' Gaetano Morello u ma' Pietru Pawl Camilleri. Għalhekk, f'dak l-ewwel jum tat-Tridu, xi nofs siegħa wara li spiċċa mill-ikel ta' nofsinhar, ħareġ u qal din it-talba: "Sinjur, ħniena Sinjur, ara dan il-poplu hekk imnikket, miċħud mill-ġid għażiż tiegħek. O Ġesù Sagramentat għinni llum biex insibek, fejn id ħatja neħħietek mill-Imqaddes Tabernaklu u b'kefrija ħbietek".

'Hekk talab, qawwi fil-ħsieb tiegħu illi żgur li jsib il-pissidi fil-foss imdawwar mal-ewwel bieb tal-Birgu minnaħa ta' Bormla. Hawnhekk, b'reqqa kbira beda jfittex bil-għaqal. Iżda x'ġara? Filwaqt li kien ħosbien iqalleb il-laqx u l-ħaxix li jgħattu kanal ħiereġ mill-blat, waħdu kien qiegħed jgħid: "Tini l-unur, o Sinjur li nsibek. Sinjur tini l-grazzja." Ftit tal-ħin wara, fuq il-pont jilmaħ tifel ta' ħdax-il sena minn Ħaż-Żabbar, jismu Franġisk Cachia. Dan it-tifel ġietu kurżità jara lil Mercieca fuq xogħlu jfittex, niżel jiġri t-taraġ li jagħti għall-foss, għadda l-ħnejja ta' taħt il-pont, u mar ħdejn Mercieca. X'ħin ra lit-tifel Mercieca staqsieh x'kien qed jagħmel. Bil-ħlewwa kollha, it-tifel wieġbu: "Infittex bħalek għad li ma nafx infittex." Għal dan il-kliem Mercieca qallu: "Ma tafx immela x'intilef f'dawn in-naħiet? Għidli ħaġa int jewwilla trid tagħmilha li ma tafx li nsteraq il-pissidi tal-knisja ta' Santa Tereża? Dak hu li qiegħed infittex biex nara nsibux." Għal dan id-diskors it-tifel qal li meta kien għaddej minn taħt il ħnejja tal-pont kien lemaħ xi ħaġa li ma kienx jaf x'kienet u kif resqu lejn dan il-post it-tifel qal li kien hemm biċċa ċarruta. Għalhekk Mercieca daħħal idu u b'għaġeb kbir ħass il-pissidi u bil-ferħ kbir li qabdu ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel.'

Mercieca mar jgħid b'kollox lil ħuh, Dun Rużar, u kien dan li ħareġ il-pissidi minn fejn instab. L-Ostji Mqaddsa kollha, dwar ħamsin waħda, kienu għadhom ġol-pissidi, u jidher li min kien seraqhom ħa l-prekawzjonijiet kollha biex ma jinqalax il-kuperċ (l-għatu). Infatti meta neħħa s-salib huwa sadd it-toqba.

L-aħbar li kien 'instab is-Sinjur' ġriet ma' Malta kollha, u l-awtoritajiet tal-Knisja, bħala sinjal ta' ferħ, ordnaw li jsir id-daqq tal-qniepen tal-knejjes ta' Malta. Sadanittant il-pissidi ttieħed proċessjonalment lura fil-knisja ta' Santa Tereża. Imexxi din il-purċissjoni kien hemm l Arċidjakunu Dott. Salvatore Lanzon, il-Vigarju Ġenerali, li kien akkumpanjat minn folla kbira ta' nies.

Waqt li kien arrestat Pawlu Galea qatt m'ammetta s-serq tal-pissidi. Madankollu l-pulizija kellha xhieda li kienu rawh sejjer mill-Birgu qrib il-ħin li sar id-delitt, u mill-ġdid jirritorna aktar tard b'sorra ta' daqs tal-pissidi, taħt għabtu. Barra minn dan, kien hemm l-evidenza l-oħra li diġà ssemmiet, u għalhekk fid-19 ta' Diċembru 1837 kien akkużat b'serq ta' valur ta' mitt skud.

Il-prosekuzzjoni kienet tmexxiet mill-Avukat tal-Kuruna, Dott. Luigi Bardon u dan ħarrek 42 xhud. Il-ġuri ġie fi tmiemu fit-22 ta' Diċembru 1837 u l-akkużat instab ħati, u kien ikkundannat għall-piena ta' għomru l-ħabs b'żewġt iktajjen ma' riġlejh. Imma l-istorja ta' Galea ma tieqafx hawn għax fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Diċembru ta' sentejn wara kien inqatel minn priġunieri fil-ħabs il-Kbir tal-Belt Valletta. F'dak iż-żmien il-priġunieri f'dan il-ħabs ma kinux jinżammu f'ċella għalihom, u Galea kien fiċ-ċella flimkien ma' Wenzu Arnaud li kien ikkundannat għaxar snin ħabs għax kien instab ħati li f'Marsaxlokk kien xeħet tliet żgħażagħ il-baħar minn għoli ta' ħmistax-il pied u kien għoddu qatilhom. Fil-lejl imsemmi Galea qam mis-sodda, qabad tavla tas-sodda, u beda jagħti biha fuq ras Galea sakemm qatlu. Kien l-istess Arnaud li wara beda jsejjaħ lill-gwardjani għax beża' li l-vittma jqum għalih. Imma sakemm waslu l-gwardjani d-delitt kien diġà twettaq. Mistoqsi x'kien wasslu għal dan id-delitt, Arnaud stqarr li waqt li kien rieqed beda jisma' vuċi tgħidlu: 'Oqtlu'.

Fl-14 ta' Jannar 1840, Wenzu Arnaud għadda ġuri mixli bil-qtil ta' Pawlu Galea. Għalkemm ma kien hemm l-ebda dubju dwar il-ħtija tal-akkużat, il-ġurati qalu li d-delitt kien twettaq waqt ħmar-il-lejl. Għalhekk Arnaud intbagħat fl-isptar tal-mard tal-moħħ.

magazine.police@gov.mt


FREE ENTRANCE
on presentation of this advert.
Valid until the end of December 2013
playmobil
playmobil FunPark
STOP
POLICE
COME AND SEE WHERE SMILES ARE MADE AND CELEBRATE PLAY!
JOIN OUR FUNPARK facebook PAGE NOW!
FREE WiFi ACCESS AT THE PLAYMOBIL FUNPARK
Bring your kids to the Playmobil FunPark, participate in the fun and from March, be part of the action with the new Special-Force Police Novelties
Playmobil FunPark, HF80, Industrial Estate, Hal Far T: 2224 2445 E: funpark@playmobilmalta.com
Opening Hours: Mon-Sun 10.00 - 18.00
By bus: Route no. X4 By car: Proceed to the Airport then follow the signposts
www.playmobilmalta.com


POLARISED TINTS
Tints & Gradient or Transitions
SOLID TINTS ON A POLARISED LENS
Brown, Green or Grey
TINTS & GRADIENT TINTS
Solid tints or Dark on top and lighter shade on the bottom
TRANSITIONS
Transitions will get from transparent to dark Brown or Grey
Precision Optical
your best choice in eyewear
Rabat 2145 2907
Qormi 2149 1271
Fgura 2182 0736
Sliema 2131 1051
St.Julians 2138 0508
B'Kara 2147 2760


AFFORDABLE MEDICINALS FOR A HEALTHIER LIFE
AUROBINDO
AVAILABLE FROM LEADING PHARMACIES

# Turnament tal-Futball għall-Istrina 2012

Minn PS 1480 Sandro Carlo Mallia – PRO

Fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru li għadda ġewwa l-Kulleġġ De La Salle fil-Kottonera saret it-Tieni Edizzjoni tat-Turnament tal-Futbol tal-Pulizija. Dan it-turnament jiġi organiżżat mill-*Malta Police Sports Committee* u l-għan tiegħu hu li jinġabru fondi minn fost il-parteċipanti sabiex jingħataw bħala donazzjoni lill-kampanja Istrina 2012. Din is-sena nġabret is-somma sabiħa ta' €900.

Għal dan it-turnament kien hemm rispons qawwi fejn kienu ipparteċipaw tmintax-il tim minn fost it-taqsimiet kollha tal-Korp. It-turnament kien imqassam fuq tlett ijiem. Fl-ewwel jumejn saru l-logħob tal-erba' gruppi rispettivi. Dawn huma l-klassifiki tal-Gruppi:

**Grupp A:** Skwadra Mobbli 'B' - 10pti; Traffiku - 6pti; VEC - 3pti; Dist.6 - 0pti.

**Grupp B:** Taqsima Drogi - 9pti; Dist.8 - 7pti; Skwadra Mobbli 'A' - 7pti; Dist.4 - 5pti; Dist.7 - 0pti.

**Grupp C:** Dist.9 - 7pti; Dist.6A - 6pti; I.R.U. - 4pti; CID - 0pti.

**Grupp D:** Dist.3 - 10pti; Dist.1 - 8pti; Forensika - 7pti; Taqsima tal-Klieb - 3ptu; Dist.2 - 0pti.

It-timijiet li ġew fl-ewwel u t-tieni post ta' kull grupp għaddew għall-fażi finali li saret fit-tielet jum tal-attivita`. Il-logħob tal-kwarti finali kienu dawn:

Skwadra Mobbli 'B' vs Dist.8 1-3







Traffiku vs Taqsima Drogi 2-5

Dist.9 vs Dist.1 5-1

Dist.6A vs Dist.3 1-1 (4-3 penalti)

Ir-rebbieħa ta' dawn il-logħbiet għaddew għas-semi finali fejn kellna dawn ir-riżultati:

Dist.8 vs Dist.9 1-1 (4-2 penalti)

Taqsima Drogi vs Dist.6A 1-6

Finali

Dist.8 vs Dist.6A 2-2 (2-3 penalti)


fgp
The Garage Door People
Celebrating 50 Years! 1962-2012
INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
* SILENT
* WEATHER SEALED
* VARIOUS DESIGNS & FINISHES
* RESIDENTIAL & INDUSTRIAL DOORS
* COMPETITIVE PRICES
* REMOTE CONTROL AVAILABLE
FGP Ltd. is Malta's leading & longest established garage door manufacturer. We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.
FGP Ltd. 109, Valletta Road Luqa. LQA1762
Tel: 21667107/8, 21673627, sales@fgp.com.mt, www.fgp.com.mt


Pace Fire Prevention
Sales & Services Centre:
Vallender No9,
Dun Gwakkin Schembri Street,
Qormi QRM 2790
www.pacefireprevention.com
Fire and Safety Systems
Protect your workshop and Premises and think of installing a Fire Safe Alarm.
You need to feel safe, get a free estimate and take this SPECIAL OFFER to install a professional Burglar Alarm.
FIRE EXTINGUISHERS
Fire Extinguishers for domestic, commercial industrial application.
Fire Blankets and Smoke Alarms.
Service and refilling of all types of Fire Extinguishers
Awareness Training.
All work carried out by qualified instructors.
Tel: 21 472416 Fax: 21 444924 Mob: 9942 4449
E-mail: pacefire@maltanet.net


WB White Brothers Limited
• Haulage Services
• Machinery & Plant Removals
• Customs Agency
• Freight Forwarding
• Warehousing
• Personal Effects
• Packing & Packaging
White Brothers Building, St. Bernard Street, Marsa MRS 1332 - Malta
Tel: [+356] 21 245512 • Fax: [+356] 21 247374 • E-mail: info@whitebrosmalta.com
www.whitebrosmalta.com

Wara saret iċ-ċerimonja tal-għeluq fejn preżenti f'isem il-Kummissarju kellna magħna lill-Assistent Kummissarju s-Sur Lawrence Cauchi. Is-Sur Cauchi pprezenta '*shield*' tar-rebbieħa lil PS 1187 Omar Zammit bħala r-rappreżentant tat-tim ta' San Ġiljan.

Il-President tal-MPSC, l-Ispettur Raymond Aquilina, irringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, lill-Assistent Kummissarju Cauchi u lill-membri kollha li pparteċipaw kif ukoll ippreżenta s-somma ta' €900 li nġabret bejn il-parteċipanti kollha tat-turnament.

L-Assistent Kummissarju Cauchi rringrazzja lil kull min b'xi mod kien involut, u b'mod speċjali faħħar il-mod ta' kif il-membri tal-Korp, minkejja l-impenji tax-xogħol, sabu l-ħin minn tagħhom biex sportivament u b'solidarjeta` kbira jingħaqdu flimkien biex jinġabru l-fondi għall-ISTRINA.

mpsc.police@gov.mt









# Xewqa li jiltaqa' mal-Kummissarju tal-Pulizija

minn Fr Raymond Bonnici OFM Kap

Kien jum speċjali għal Daniel-Duncan Sammut nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2012, meta flimkien mal-ġenituri tiegħu Emidio u Miriam ġew fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal quddiesa fid-9.00am.

Wara li ħa sehem fil-quddiesa, Daniel kien ġentilment mistieden fl-uffiċċju tal-Kummissarju, is-Sur John Rizzo, fejn flimkien mal-ġenituri tiegħu u l-mistiednin li kienu preżenti qasam magħhom ix-xewqa li kellu li jiltaqa' mill-qrib mal-Kummissarju tal-Pulizija.

Daniel minbarra li għandu rispett kbir lejn l-uniformi tal-Pulizija, jħobb jieqaf u jitkellem mal-membri tal-Korp kull darba li jiltaqa' magħhom waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom.

Fi tmiem tal-laqgħa tiegħu mal-Kummissarju huwa ġie preżentat b'keychain, djarju, kalendarju u r-rivista tal-Korp "Il-Pulizija" bħala tifkira tal-okkazzjoni.



Minn dawn il-paġni nawgura lil Daniel-Duncan ix-xewqat sbieħ u kull saħħa għal ġejjieni.

magazine.police@gov.mt


Festive Lighting

Street Safety Illumination


*Our clients give us the opportunity to break boundaries in the field of energy-efficient lighting...*

*...we give them the opportunity to save real costs!*

SMART LIGHT SYSTEMS

Think local ...think Smart Light!

www.smartlightsystems.com
E: info@smartlightsystems.com
T:21421764 / 79007152




Apex Lifts®

MLA Malta Lift Association

TÜV AUSTRIA (MALTA) APPROVED INSTALLER

- Panoramic/Hydraulic & Traction Lifts
- Car Lifts/Goods Lifts
- Dumb Waiters
- Inclined Platform Lifts
- Chair Lifts
- Electric Wheelchairs
- Stair Climbers
- Scooters
- Pool Lifts
- Step Lifts

The Optimum Solution In Lift Technology & Design

email: info@apexlifts.com.mt
www.apexlifts.com.mt

14, St Michael Str., Rabat RBT 2440 Tel: 2145 5051 Fax: 2145 0395


ial
IGNAZIO ANASTASI LTD.
Exporters of World Renowned Brands
Address:
Network Building
Industrial Zone
Mriehel BKR 14
Tel: 21 497041
Fax: 21 497045
Email:
sales@ialmalta.com
Industrial & Hardware Products
Safety Wear
Security Products (Locks & Padlocks)
All types of Hand & Power Tools
Lighting & Electrical Products
Glues & Silicones
Car & Vehicle Products
Car Accessories
Car Waxes, Polishes & Valeting Products
Automotive Chemicals
Maintenance Products
Office & Stationery Equipment
Printer Ribbons • Laser Toners • Inkjet Cartridges
Office & School Stationery • Writing Instruments
Presentation Equipment • Flip Charts & White Boards
Adhesives • Correction Products
Cardboard & PVC Filing Solutions
Office Chairs & Furniture


CANFORD
A&A Mizzi Limited
New, HEAVY DUTY
under sink reverse osmosis purifier
Unlimited free water at HOME!
5 YEAR GUARANTEE ON MOTOR
Tel: 21488168
www.aamizzi.com


econetique
harvest your own energy™
oil
gas
solar
the ONLY way to eliminate your electricity bills
benefit from the government photovoltaic grant scheme
OPEN NOW
CONTACT US TODAY • t: 00356 2156 9006 w: www.econetique.com • msida • qormi • xewkija


GARMIN
nüvi 40
€150
Incl VAT
nüvi 50
€160
Incl VAT
Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS
4, Msida Road, Gzira
Tel: 2133 5521 • Mob: 7947 7728
admin@medcomms.com.mt
www.medcomms.com.mt


elf
Winning is everything
Palm Enterprises
Limited
10, Timber Wharf, Marsa, MRS 1443, Malta
Tel : 2134 0731, 2131 2549
Fax: 2133 8464
email: elf@palm.com.mt


The new line-up from SIG SAUER Germany
– top quality and reliability for the discerning sports shooter
Lock, Stock & Barrel
Licensed Arms & Ammunition Dealers
Phoenix Group Ltd.
152 Triq Antonio Schembri, Kappara
Tel: 9947 1091 E-mail: sap@lsb-malta.com
SIG SAUER
when it counts
SIG SAUER pistols and rifles
deliver top results
in competitions world-wide.

# International Police Association



*Dear Colleagues.*

As announced to you, our **National Executive Council meeting 2013** was held on Sunday 20thJanuary between 09.30 and 12 noon, at the Police Associations Centre Marsa. On opening the meeting our National President Dione Bugeja thanked all those present for their participation and support while introducing and welcoming two guests namely Raymond Joseph Azzopardi and Jocelyn Mizzi, who recently were awarded the 'Best Recruit' and '2nd Order of Merit respectively, during the 33rd Police Basic Training course. Upon giving the floor to the Secretary General Romeo Micallef, he went through the administrative report, covering the main events which took place during 2012, one of our best years. Following the Administrative report, the National President invited the National Treasurer Joe Mamo to follow by presenting the financial report through a power point presentation. Both reports were seconded and approved unanimously. Next in line the Secretary General presented four amendments to the National Statute and Rules, as proposed by the NEC. All amendments were approved as presented, with the exception to a small modification regarding the time frame when a motion is to be presented for the NEC meeting, from proposed 40 days modified to 21days. Following the amendments approval, WPC Mizzi and PC Azzopardi the awarded police recruits, were presented with a one year free IPA membership. Before declaring the meeting closed, Dione re invited Joe Mamo to draw up the 'membership lottery' with the winners being **Martin Wyson** and **Eleno Borg**.

Both members received a 50€ voucher each to be utilised at the **Pavi Complex**, partly donated to our Section by the Pavi Management. On concluding Dione took the opportunity to thank all the NEC and members for the work performed during the past year, which rendered very good results. He also went on to thank the Commissioner of Police Mr. John Rizzo for his assistance and support when this was possible. He further expressed his gratitude and thanks to those sponsors who supported the Section, making it possible to make 2012 the best year ever. Last but not least, thanks were also expressed to the members present for their support.



Free IPA membership presentation to WPC 326 Jocelyn Mizzi who was awarded the 2nd Order of Merit during the 33rd Police Basic Training Course - 2012

**New Year's greeting to the President of the Republic of Malta and other dignitaries:** As we have been doing now for the past years, on Tuesday New Year's day, at about 12.15 hrs, IPA President Dione Bugeja lead a delegation of IPA members including the group leader of an IPA Austrian visiting group Harald Albrecht to the Palace Valletta to greet and give His Excellency the




Section of the IPA Malta National Executive Council meeting – 20th January 2013



IPA Malta New Year's greetings to the President of the Republic of Malta 2013.


CENTRAL CEMENT LIMITED
Incorporating Jumbo Bags Ltd.
Suppliers of Bulk Cement
Packed Cement in
1500kg, 50kg & 25kg
Suppliers of other types of
Cement
FOR BEST
QUALITY
AND SERVICE
CemHouse, National Road,
Blata l-Bajda, HMR 9011,
Malta
Tel: 21232282, 21232920
Fax: 21221659
email:
centralcement@euroweb.net.mt


SOPPEC
FLUO
T.P.
SOPPEC
FLUORESCENT SPRAY
IDEAL FOR
ROAD MARKINGS
Mainticare
Trade Enquiries:
Mainticare Limited
UB 22, Industrial Estate, San Gwann
Tel: 21491060 Fax: 21447142
Email: info@ablecareosg.com


BALLUT
BLOCKS LTD.
Ballut Blocks Ltd.
Civil Engineering Contractors
Wied Filep, L/O Naxxar, NXR 6713, Malta
Tel: 2157 3093, 2157 2666
Fax: 2157 5562
Web: www.ballutblocks.com
Email: ballut@maltanet.net
General Precast Concrete Ltd.
Hal Far Industrial Estate,
Tel: 2165 3802, 2165 3005
Fax: 2165 9536
Email: info @generalprecastconcrete.com
GPC
General Precast Concrete Ltd.

Ex. Inspector Dione Bugeja, IPA National President

President of the Republic of Malta Dr. George Abela and his Good Lady the New Year's good wishes. Before calling upon His Excellency the President of the Republic, the group also visited and gave the New Year's good wishes to the Hon. Prime Minister Dr. Lawrence Gonzi and Lady Gonzi and to His Grace the Archbishop of Malta Mon. Paul Cremona who was accompanied by His Lordship the Archbishop emeritus Mon. Mercieca and the newly consecrated bishop His Lordship Mons. Charles Scicluna.

**IPA Malta 49th Anniversary:** During an NEC meeting held on the 19th Feb. in connection with our 49th Anniversary it was decided to hold a **get together** on the **25th April at 19.30hrs** at the Ass. Centre Marsa and a Thanks Given mass at PHQ on **Sunday 28th April at 09.00 hrs.** Please confirm your attendance for the **get together** with the National Treasurer Joe Mamo on 22942015.

**Arthur Troop scholarship 2014:** Application Forms for the Arthur Troop Scholarship for 2014 have recently been received. This scholarship offers young police officers a unique opportunity to progress in their career in an international environment. The majority of scholars take part in seminars at the international education centre IBZ Gimborn in Germany. For all of those of you who are interested in applying for the 2014 scholarship, we would like to high light the reports that past scholarship winners have written and which can be found on the www.ipa-iac.org website. Each scholarship bursary is up to 3,000 CHF. For more information about this scholarship interested members are kindly invited to call at the IPA office at PHQ.

**PEB Sections Liaison:** To improve relations with sections, each PEB member, apart from the International President will be taking on responsibility for a number of sections. This is entirely separate to international commission responsibilities. The aims and goals for this development will be defined shortly. I am pleased to inform you that Section **Malta** together with Belgium, Cyprus, France, Luxembourg, Monaco, Portugal, Spain and Switzerland will be under the responsibility of our friend **Romain Miny,** the International Treasurer.

**IPA renewal membership stamps 2013 can be collected from the National Treasurer Joe Mamo at PHQ please.**

Regards
IPA Executive Committee


Mangion Bros.
(ID-DIELJA)



Manufacturers of fine quality bricks and interlocking paving system to a variety of designs and colours. This is operated by a computerised controlled plant capable of producing 8000 hollow concrete bricks a day.



Suppliers of concrete mix, capable of producing 80cu. metres per hour.

Suppliers of steel rods and straps. The company undertakes all construction, civil engineering and excavation works.



Zurrieq
Tel: 2164 9590
Mob: 7949 2624

Swaey Bros Ltd
Malta

Swaey Bros Ltd has been selling and hiring cranes since 1983. The company has vast experience in many small to large-scale projects. Apart from other services, Swaey Bros Ltd is also the sole agent of hydraulic equipment parts of many renowned brands.




- Crane Fleet ranging from 25 to 100 tons
- Specializing in Boat Lifting & Transport
- Self Erecting / Static Tower Crane; Sales, Rentals, Erection and Dismantling.
- Safe Load Indicator installations
- Radio Remote Controllers suitable for various industrial applications
- Repairs on all types of Hydraulic Equipment
- Mobile Machinery Sales
- Wide range of Lifting belts, Chain slings,
- Wire ropes and Accessories.

"Vella Garage" Notabile Rd,
Il-Blata l-Gholja, Mosta MST 11
Tel: +356 21416163 / 21433380,
Fax +356 21413115 Mob: +356 99492362.
www.swaey.com email: swaey@swaey.com

ex-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Segretarju (M.A.R.P.O.)

# Riċeviment Annwali fid-Depot tal-Pulizija





Bħal kull sena, il-Kunsill u l-membri tal-M.A.R.P.O. kienu l-mistiedna tal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, għall-quddiesa u festin li jsir fid-Depot.

Din is-sena din l-attivita' saret nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar 2013.

Iċ-ċerimonja bdiet b'quddiesa li kienet ikkonċelebrata mill-Kappillan tal-Korp tal-Pulizija, Fr Raymond Bonnici. Wara l-quddiesa ngħatat tislima lil dawk il-membri tal-Korp li ħallewna, kemm wara li spiċċaw mis-servizz, kif ukoll waqt li kienu għadhom membri tal-Korp.

Numru ta' membri tal-Korp tal-Pulizija ġew ippremjati għall-ħidma tagħhom kif ukoll ingħataw premijiet oħrajn bħal ċertifikati, ukoll lil dawk il-membri tal-Korp li rtiraw wara 25 sena servizz. Ingħataw ukoll il-penzijiet lil 26 surġent ġdid.

Saret ukoll preżentazzjoni ta' apprezament lill-Kummissarju John Rizzo, għan-nom tal-membri kollha tal- M.A.R.P.O. mill-President tal-Għaqda, is-Sur Charles Curmi.

Wara kien hemm is-soltu riċeviment li jkun mistenni ħafna mill-membri ta' l-Għaqda, fejn wieħed jiltaqa' ma' sħabu l-antiki u jerġgħu jirrakuntaw xi storja tal-imgħoddi u xi experjenza sabiħa li jkunu għaddew minnha!!

# Remembrance Day



Dan l-aħħar konna ġejna avviċinati minn membru ta' l-Għaqda, rigward għalfejn l-Għaqda tagħna ma tieħux sehem fil-parata annwali.

Għaldaqstant saru kuntatti ma' min jorganizza din il-Parata, jiġifieri n-National Festivities Committee, fejn urejna x-xewqa li nieħdu sehem.

Aħna ġejna magħrufa li min din is-sena l-Għaqda M.A.R.P.O. ser tibda tkun mistiedna biex tieħu parti mill- parata, li ssir kull sena' fil-11 ta Novembru, ħdejn il-Monument tal-Gwerra.

F'din il-ġurnata jiġu mfakkrin dawk kollha li tilfu ħajjithom waqt l-ewwel u t-tieni gwerra dinija.

Fost dawk kollha, kien hemm ukoll seba' membri tal-Korp tal-Pulizija u Riservista.

Din il-ġurnata nsibuha aktar bħala r-'Rememberance Day.'

# Ikla



Fis-7 ta' Diċembru, il-Kumitat organizza ikla ġewwa n-Nigret Night Club and Restaurant, ir-Rabat.

Għal din l-attivita' attendew numru sabiħ ta' membri.



**Malta Police**

**NOTICE.**

The Superintendent of Police hereby informs all those whom it may concern, that in future, applications for fixing poles in streets, squares and public thoroughfares on the occasions of public festivals; for musical bands; or for firing petards will not be considered, unless the same are received in the Police Office, Valletta, as follows:—

| | | |
|---|---|---|
| For fixing poles, . . . . | TWO CLEAR WEEKS | before date of required permit. |
| For musical bands . . . | THREE CLEAR DAYS | |
| For firing petards. . . . | TEN CLEAR DAYS | |

From the 1st March 1898, no permits for firing petards in streets, squares and public thoroughfares will be issued.

Police Notice of the 17th April 1895, is hereby repealed.

POLICE OFFICE,
Valletta, January 1898.

C. LA PRIMAUDAYE,
*Superintendent.*

## Mill-Imgħoddi

Din id-darba għandna Avviż tal-Pulizija, li jġib is-sena 1898, fejn ġie stabbiliet iż-żmien li wieħed jista' japplika biex iwaħħal l-arbli mal-art, għall-marċi mill-baned, u għall-isparar ta' murtali.









Ex. Pc 170
Nazzareno Gouder
1926 – 2012
1943 - 1969



Ex. Pc 2
Francis X Vella
1924 – 2013
1953 - 1973



Ex. Pc 842
Carmelo Mizzi
1934 – 2013
1953 - 1980



Ex. Pc 851
Joseph Zarb
1930 – 2013
1979 - 1991



Ex. Pc 928
John Cordina
1927 – 2013
1979 - 1988



Ex. Pc 530
Carmel Chircop
1940 – 2013
1958 – 1993



Ex. Pc 793
Carmel Galea
1933 – 2013
1956 – 1981



Ex. Pc 463
Louis Bugeja
1926 – 2013
1949 – 1976

# Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem



Ex. Pc 628
Joseph Catania
1933 – 2013
1956 – 1981



Ex. Pc 565
Francis Borg
1924 – 2013
1952 – 1968



Ex. Pc 775
Charles Griffin
1927 – 2013
1951 – 1977



Ex. Pc 571
George Buhagiar
1918 – 2013
1943 - 1970




# Il-prodotti finanzjarji tagħna huma reali

Qed toħlom li tixtri dik il-karozza li dejjem xtaqt? Ikseb il-ħolma tiegħek.
Staqsina għall-pakkett finanzjarju li l-aktar jgħodd għalik. Kellimna llum.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV PERSONAL LOANS**

**2131 2020 | bov.com**

Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta

# J. MICALLEF
service station & auto centre

Tal-Barrani Road, Żejtun Malta
**Tel:** (+356) 2180 1493 • Mob: (+356) 9980 7932
**E-mail:** jmicallefss@gmail.com • **Website:** www.jmicallefbuilders.com

**You will also find our service station and autocentre in Buqana Road, l/o Rabat -Malta**

- Profesional Car Valeting
- Interior and Exterior Car Polish
- Top Brands tyres and Alloy Wheels
- ATM Facilities
- Snack Outlet
- Self Service Car Wash
- Shop Car Care Ironmongery and Marine

